5.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

(i) have the ability to communicate in the English Language as follows:

(a) l-applikanti jipprovdu evidenza li l-kwalifika ewlenija fil-Mediċina kienet mgħallma bil-lingwa Ingliża;

JEW (b) jipprovdu ċertifikat validu tal-IELTS (*International English Language Testing System)* f'livell 7.5 jew aktar f'kull dominju;

JEW (c) juru lill-Bord tal-Għażla li huma kapaċi jitkellmu, jaqraw u jifhmu bil-Lingwa Ingliża b'mod sodisfaċenti. L-applikanti jsirilhom ukoll eżami ta' komprensjoni bl-udit fil-lingwa Ingliża sabiex tiġi evalwata l-kapaċità tagħhom li jikkomunikaw b'mod sigur mal-pazjenti u mal-kollegi.

Kandidati magħżula jintalbu jipprovdu evidenza ta' profiċjenza bażika fil-Lingwa Maltija fl-aħħar tal-ewwel sena tal-kuntratt.

(ii) ikollhom isimhom imniżżel fir-Reġistri Prinċipali jew Temporanji miżmuma mill-Kunsill Mediku ta' Malta soġġett għad-dispożizzjonijiet indikati f'Paragrafu 5.2 ta' hawn taħt.

(iii) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47), filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw Ċertifikat riċenti tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji). Qed jigi kkjarifikat li ċ-ċertifikati tal-kondotta maħruġa minn pajjiż ieħor barra minn Malta jridu jkunu jew bl-Ingliż, jew iridu jkunu akkumpanjati minn traduzzjoni uffiċjali tad-dokument bil-Lingwa Ingliża.

5.2 Applikazzjonijiet jiġu kkunsidrati wkoll mingħand kandidati li ma jkollhomx fil-pussess tagħhom ir-reġistrazzjoni fir-Reġistri Prinċipali jew Temporanji miżmum mill-Kunsill Mediku ta' Malta, diment li dawn ikunu approvati li jiġu inklużi fir-Reġistri Prinċipali jew Temporanji miżmum mill-Kunsill Mediku ta' Malta, jew li jkollhom kwalifika bażika fil-mediċina f'Parti Ia tat-Tieni Skeda tal-Att Dwar il-Professjoniet tas-Saħħa (Kap. 464 tal-Liġijiet ta' Malta). Jekk jintgħażlu, dawn il-kandidati jridu jipproduċu ċ-Ċertifikat ta' reġistrazzjoni indikat f'pararafu 5.1.(ii) qabel il-ħatra.

5.3 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak mitlub f'paragrafu 5.1, għandhom esperjenza ta' xogħol relevanti u ppruvata.

5.4 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-*link* aktar 'l isfel).

(a) provide proof that the primary medical qualification was undertaken in English;

OR (b) provide a valid certificate for IELTS (International English Language Testing System) at the level of 7.5 or above in each domain;

OR (c) demonstrate to the Selection Board a satisfactory level of ability to speak, read and understand the English language. Applicants will also be subjected to a listening comprehension test of an English Language text in order to assess their ability to communicate safely with patients and colleagues.

Selected candidates shall be required to provide evidence in basic proficiency of the Maltese Language at the end of the first year of the contract.

(ii) be included in the Principal or Temporary Registers held by the Medical Council of Malta subject to the proviso indicated in Paragraph 5.2 below.

(iii) of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details). It is hereby also being clarified that conduct certificates issued from a country other than Malta are to be either in English, or are to be accompanied by an official translation of the document in English.

5.2 Applications will also be considered from candidates who are not in possession of registration in the Principal or Temporary Registers held by the Medical Council of Malta, provided that these have been approved for inclusion in the Principal or Temporary Registers held by the Medical Council of Malta, or are in possession of a basic medical qualification as listed in Part Ia of the Second Schedule of the Health Care Professions Act (Cap. 464 of the Laws of Malta). If selected, such candidates must produce the Certificate of registration indicated in paragraph 5.1.(ii) before appointment.

5.3 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraph 5.1, have proven relevant work experience.

5.4 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

Sottomissjoni ta' dokumentazzjoni

6.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti li kopja tagħhom għandha tkun mehmuża mal-applikazzjoni. Kopji *scanned* mibgħuta b'mod elettroniku huma aċċettati.

6.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

7. L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn Bord tal-Għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-pożizzjoni.

Sottomissjoni tal-applikazzjoni

8. L-applikazzjonijiet flimkien mal-*curriculum vitae* li juri l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu mid-Diviżjoni tar-Riżorsi Umani (Saħħa), Ministeru għall-Enerġija u s-Saħħa (Saħħa) f'Palazzo Castellania, 15, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta VLT 1171 sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar it-Tlieta, 6 ta' Jannar, 2015. L-applikazzjonijiet jistgħu wkoll jintbagħtu permezz tal-*Online Government Recruitment Portal* fuq (http://recruitment.gov.mt) sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet kif indikat hawn fuq. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

Dispożizzjonijiet ġenerali oħra

9. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

kundizzjonijiet oħra marbuta mal-*assignment*/kuntratt*;*
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
il-proċess sabiex tintbagħat petizzjoni dwar ir-riżultat;

eżami mediku;
aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti

jinstabu fis-sit elettroniku tad-Direttorat tar-*Resourcing*, Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika fl-indirizz (http://www.pahro.gov.mt/file.aspx?f=372), jew jinkisbu mid-Diviżjoni tar-Riżorsi Umani (Saħħa), Ministeru għall-Enerġija u s-Saħħa (Saħħa), f'Palazzo Castellania, 15, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta VLT 1171. Dawn il-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jitqiesu bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Submission of supporting documentation

6.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should be attached to the application. Scanned copies sent electronically are acceptable.

6.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection procedure

7. Eligible applicants will be assessed by a Selection Board to determine their suitability for the position.

Submission of applications

8. Applications, together with a *curriculum vitae* showing qualifications and experience, will be received by the Human Resources Division (Health), Ministry for Energy and Health (Health) at Palazzo Castellania, 15, Triq il-Merkanti, Valletta VLT 1171 by not later than noon *(Central European Time)* of Tuesday, 6th January, 2015. Applications can also be submitted through the Online Government Recruitment Portal on (http://recruitment.gov.mt) by the said closing time and date of this call for applications, as indicated above. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

Other general provisions

9. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

the conditions relating to the assignment/contract;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
the submission of recognition statements in respect of qualifications;
the publication of the result;
the process for the submission of petitions concerning the result;
medical examination;
access to application forms and related details;
retention of documents

may be viewed by accessing the website of the Public Administration HR Office at the address (http://www.pahro.gov.mt/file.aspx?f=372), or may be obtained from Human Resources Division (Health), Ministry for Energy and Health (Health), Palazzo Castellania, 15, Triq il-Merkanti, Valletta VLT 1171. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

Għall-fini ta' paragrafu 6.2 tal-Dispożizzjonijiet Ġenerali ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, in-numru tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi huwa +356 2299 2604 filwaqt li l-indirizz tal-*email* huwa (recruitment.meh-health@gov.mt).

It-12 ta' Diċembru, 2014

MINISTERU GĦALL-ENERĠIJA
U S-SAĦĦA (SAĦĦA)

Post ta' *Consultant Dermato-Venereology with Special Interest in Venereology* fil-Ministeru għall-Enerġija u s-Saħħa (Saħħa)

(*Approvazzjoni skont il-capacity building datata t-13 ta' Marzu, 2014*)

Skont klawsola 3.1(l) tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Id-Direttur Ġenerali (Riżorsi Umani) (Saħħa), għas-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Enerġija u s-Saħħa (Saħħa), jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' *Consultant Dermato-Venereology with Special Interest in Venereology* fil-Ministeru għall-Enerġija u s-Saħħa (Saħħa).

Termini u Kundizzjonijiet

2.1 Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena (1), hija *full time* fuq bażi indefinita u taqa' taħt ir-regoli u r-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta b'mod ġenerali u fil-Ministeru għall-Enerġija u s-Saħħa (Saħħa) b'mod partikolari. Il-persuna li tinħatar tista' tiġi ttrasferita skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

2.2 Il-*Consultant Dermato-Venereology with Special Interest in Venereology* jirraporta direttament lill-*Clinical Chairperson* tad-Dipartiment tad-Dermatoloġija u Veneroloġija.

2.3 Il-ħatra ta' persuna fil-kariga ta' *Consultant Dermato-Venereology with Special Interest in Venereology* tkun fi Skala ta' Salarju 4.

2.4 Persuna li tinħatar tkun tista' tagħżel bejn *Contract* A u *Contract* B.

Dmirijiet

3.1 Id-dmirijiet ta' persuna fil-Post ta' *Consultant Dermato-Venereology with Special Interest in Venereology* jinkludu, fost l-oħrajn li:

(a) tkun responsabbli għat-tim li jaqa' taħt it-tmexxija tagħha u tassigura dixxiplina u prattika klinika tajba speċjalment fil-prattiki ta' kontroll ta' infezzjonijiet;

For the purpose of paragraph 6.2 of the General Provisions of this call for applications, the fax number of the receiving Division is +356 2299 2604 and the e-mail address is (recruitment.meh-health@gov.mt).

12th December, 2014

MINISTRY FOR ENERGY AND HEALTH (HEALTH)
(HEALTH)

Post of Consultant Dermato-Venereology with Special Interest in Venereology in the Ministry for Energy and Health (Health)

(*Capacity building approval dated 13th March, 2014*)

In accordance with clause 3.1(l) of the current Collective Agreement, nomenclatures importing the male gender include also the female gender.

The Director General (Human Resources) (Health), on behalf of the Permanent Secretary, Ministry for Energy and Health (Health), invites applications for the post of Consultant Dermato-Venereology with Special Interest in Venereology in the Ministry for Energy and Health (Health).

Terms and Conditions

2.1 The appointment, which is subject to a probationary period of one (1) year, shall be full-time on an indefinite basis and is subject to any rules and regulations governing from time to time the Malta Public Service in general and the Ministry for Energy and Health (Health) in particular and involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

2.2 The Consultant Dermato-Venereology with Special Interest in Venereology shall report to the Clinical Chairperson of the Department of Dermatology and Venereology.

2.3 The post of Consultant Dermato-Venereology with Special Interest in Venereology shall be in Salary Scale 4.

2.4 An appointee will be able to choose if to work on a Contract A or Contract B basis.

Duties

3.1 The duties of the Consultant Dermato-Venereology with Special Interest in Venereology include amongst others:

(a) being responsible for his/her team and ensuring discipline and good clinical practice especially infection control practices;

(b) tifforma parti mid-Dipartiment tad-Dermatoloġija u Venereoloġija u taqa' taħt iċ-*Chairperson* tad-Dipartiment tad-Dermatoloġija u Venereoloġija. Hi tkun meħtieġa li tieħu sehem fl-attivitajiet u fil-programm tat-tagħlim tad-Dipartiment tad-Dermatoloġija u Venereoloġija;

(b) forming part of the Department of Dermatology and Venereology and will be directly accountable to the Chairperson of Dermatology and Venereology. He/she will be expected to take part in the activities of the Department of Dermatology and Venereology and to participate in its teaching programmes;

(c) tkun responsabbli għat-tmexxija *full-time* tal-*Genito-Urinary Clinic*, inkluż id-dijanjosi, investigazzjoni u trattament ta' infezzjonijiet li jittieħdu b'mod sesswali u kundizzjonijiet relatati, kif ukoll pariri dwar ittestjar għall-*HIV*;

(c) will be responsible for the full-time running of the Genito-Urinary Clinic, incorporating diagnosis, investigation and treatment of sexually transmitted infections and related conditions, as well as counseling in relation to HIV testing;

(d) tkun meħtieġa li tassigura ambjent ta' konfidenzjalità stretta bil-faċilità li pazjenti jkunu riferuti għandha direttament;

(d) will be required to ensure a strictly confidential setting with the facility of direct patient referral;

(e) tkun meħtieġa li tħaddem sistema ta' tfittxija ta' kuntatti bil-għan li tittrażżan il-firxa ta' infezzjonijiet li huma mifruxa b'mod sesswali;

(e) will be required to operate a system of contact tracing in a bid to containing the spread of sexually transmitted infections;

(f) tkun meħtieġa tikkollabora ma' dixxiplini oħra fl-isptarijiet skont il-każ;

(f) will be required to collaborate with other hospital disciplines as the case may be;

(g) tkun meħtieġa tikkollabora mad-Direttorat tal-*Health Promotion and Disease Prevention* bil-għan li l-pubbliku jkun aktar konxju dwar infezzjonijiet li huma mifruxa b'mod sesswal u l-prevenzjoni tagħhom.

(g) will be required to collaborate with the Directorate for Health Promotion and Disease Prevention in raising public awareness about sexually transmitted infections and their prevention;

(h) tkun meħtieġa li żżomm *database* tal-attività tal-klinika u tad-dijanjosi skont l-Att Dwar il-Protezzjoni tad-*Data*;

(h) will be required to maintain a database of clinic activity and diagnosis in accordance with the Data Protection Act;

(i) tista' tkun mitluba li toffri servizz kliniku speċjalizzat b'mod regolari skont il-ħtieġa, fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex u anke fil-komunità;

(i) may be required to hold regular specialised clinics at Gozo General Hospital and in the community as required;

(j) tipprovdi servizz fi kwalunkwe estensjonijiet futuri ta' servizzi tas-saħħa hekk kif provdut fi skema komprensiva tas-saħħa nazzjonali;

(j) provide service in any future extension of the health services as provided under a comprehensive national health scheme;

(k) tassigura l-implimentazzjoni ta' taħriġ kontinwu u programm edukattiv għall-impjegati li jikkuraw il-pazjenti taħt il-kariga tagħha;

(k) ensure the implementation of an ongoing training and education programme in respect of the staff caring for the patients under his/her charge;

(l) tieħu sehem fit-tagħlim u taħriġ ta' studenti ta' qabel u ta' wara l-gradwazzjoni kif meħtieġ u li tinvolvi ruħha fi programmi kontinwi ta' riċerka;

(l) will participate in undergraduate and postgraduate teaching and training as required and involve himself/herself in ongoing research programmes;

(m) tieħu sehem fi dmirijiet oħra li jkunu mogħtija mill-*Clinical Chairperson* tad-Dipartiment tad-Dermatoloġija u Veneroloġija;

(m) carry out any other duties as assigned by the Clinical Chairperson of the Department of Dermatology and Venereology;

(n) tagħti kontribut biex jitwaqqaf mekkaniżmu xieraq għall-assigurazzjoni ta' kwalità fis-servizz u ta' *medical audit*;

(n) will contribute to the establishment of appropriate mechanisms to ensure quality of service and medical audit;

(o) tkun mitluba taqdi dmirjiet oħra skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku skont struzzjonijiet mogħtija mis-Segretarju Permanenti Ewlieni;

(p) tagħmel użu mis-sistemi tat-Teknoloġija tal-Informatika li jkunu qed jintużaw fil-Ministeru għall-Enerġija u s-Saħħa (Saħħa).

3.2 Kandidati magħżula jistgħu jintalbu li jwettqu dmirijiet fi kwalunkwe servizz għall-kura tas-saħħa kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex skont id-diskrezzjoni tal-*Management*.

Rekwiżiti tal-eliġibbiltà

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

(i) (a) ċittadini ta' Malta; jew

(b) ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(c) ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż b'leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(d) kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (ċ), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

(e) ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18 (3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiż terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji.

Għandu jintalab il-parir tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates* skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u

(o) carry out any other duties according to the exigencies of the Public Service as directed by the Principal Permanent Secretary;

(p) make use of the Information Technology systems which may be in operation within the Ministry for Energy and Health (Health).

3.2 An appointee may be required to perform duties in any of the health care services in Malta and Gozo at the discretion of the Management.

Eligibility requirements

4.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

(i) (a) citizens of Malta; or

(b) citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(c) citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(d) any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

(e) third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the "Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006", or who have been granted a residence permit under regulation 18 (3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the "Family Reunification Regulations, 2007".

The advice of the Citizenship and Expatriates Department should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act

leġiżlazzjoni sussidjarja. Il-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

(ii) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija jew bil-Lingwa Ingliża u li qabel ma tkun ikkonfermata l-ħatra tagħhom, applikanti magħżula għandhom l-ewwel jipprovdu evidenza ta' profiċjenza bażika fil-lingwa Maltija.

4.2 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ukoll:

(i) ikollhom isimhom imniżżel fir-Reġistru għall-Ispeċjalisti tal-*Genito-Urinary Medicine* miżmum mill-Kunsill Mediku ta' Malta; jew

(ii) ikunu approvati li isimhom jitniżżel fir-Reġistru għall-Ispeċjalisti tal-*Genito-Urinary Medicine* miżmum mill-Kunsill Mediku ta' Malta; jew

(iii) (a) ikollhom *Certificate of Completion of Training (CCT)* maħruġ mill-Kumitat għall-Approvazzjoni ta' Speċjalisti ta' Malta li jindika li l-applikant temm it-taħriġ speċjalizzat li jista' jkun mitlub għall-*Genito-Urinary Medicine* ; jew

(b) ikollhom kwalifika ta' speċjalista ekwivalenti għas-CCT fil-*Genito-Urinary Medicine,* jew speċjalità ekwivalenti li tkun maħruġa mill-Awtorità kompetenti fi stat membru ieħor tal-Unjoni Ewropea, kif indikat f'parti 1b tat-Tieni Skeda tal-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa ta' Malta; jew

(c) ikollhom kwalunkwe kwalifika oħra ta' speċjalista fuq kundizzjoni li ma' din tinhemeż dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent mill-Kumitat għall-Approvazzjoni ta' Speċjalisti ta' Malta, li tiddikjara li l-kwalifiki/esperjenza miksuba huma suffiċjenti sabiex tabib ikun irreġistrat mal-Kunsill Mediku ta' Malta bħala Speċjalist tal-*Genito-Urinary Medicine*.

4.3 L-applikanti magħżula li jkunu eliġibbli taħt paragrafu 4.2 (ii) u paragrafu 4.2 (iii) hawn fuq iridu jkunu mniżżlin fir-Reġistru għall-Ispeċjalisti miżmum mill-Kunsill Mediku ta' Malta qabel il-ħatra.

4.4 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ukoll ikollhom sentejn (2) esperjenza *full time* bħala Speċjalisti tad-*Dermato-Venereology*. Qed jiġi ċċarat li l-esperjenza bħala Speċjalista titqies li ma tibdiex qabel id-data tar-Reġistrazzjoni fir-Reġistru għall-Ispeċjalisti miżmum mill-Kunsill Mediku ta' Malta, jew Reġistrazzjoni ekwivalenti li tkun maħruġa mill-Awtorità kompetenti fi stat membru ieħor tal-Unjoni Ewropea. Qed jiġi ċċarat ukoll li meta l-esperjenza tkun miksuba fuq bażi *part time,* jew fuq inqas minn 40 siegħa fil-ġimgħa, din tkun rikonoxxuta fuq bażi *pro-rata*.

and subsidiary legislation. The Employment and Training Corporation should be consulted as necessary on this issue.

(ii) have the ability to communicate in the Maltese or English Language, provided that before confirmation of appointment, successful applicants must provide evidence of basic proficiency in the Maltese language.

4.2 By the closing time and date of this call for applications, applicants must furthermore be:

(i) listed in the Specialist Register of Dermato-Venereology kept by the Medical Council of Malta; or

(ii) approved for inclusion in the Specialist Register of Dermato-Venereology kept by the Medical Council of Malta; or

(iii) (a) in possession of a certificate of completion of training (CCT) issued by the Specialist Accreditation Committee of Malta, which shows that the applicant has completed such specialist training as may be prescribed for Dermato-Venereology; or

(b) in possession of a specialist qualification equivalent to the CCT for Dermato-Venereology, which is issued by the competent authority in another EU member state, as listed in Part Ib of the Second Schedule of the Health Care Professions Act of Malta; or

(c) in possession of any other specialist qualification provided that this must be accompanied by a formal recognition statement by the Specialist Accreditation Committee of Malta, stating that the qualifications/experience are sufficient for a doctor to be registered with the Medical Council of Malta as a specialist in Dermato-Venereology.

4.3 Successful candidates eligible under paragraph 4.2 (ii) and paragraph 4.2 (iii) above must be listed in the Specialist Register kept by the Medical Council of Malta before appointment.

4.4 By the closing time and date of this call for applications, applicants must furthermore have two (2) years full time experience as a specialist in Dermato-Venereology. It is hereby being clarified that specialist experience will be deemed not to commence prior to the date of registration in the Specialist Register kept by the Medical Council of Malta, or equivalent registration issued by the competent authority in another EU Member State. It is furthermore being clarified that experience carried out on a part-time basis, or in any case on a basis of less than 40 hours per week, is reckoned on a pro-rata basis.

4.5 Kandidati li japplikaw skont it-termini ta' paragrafu 4.2 (iii) (b) u paragrafu 4.2 (iii) (c) hawn fuq iridu jiksbu ittra ta' rikonoxximent mill-Kumitat għall-Approvazzjoni ta' Speċjalisti ta' Malta li tikkonferma li l-kwalifiki miksuba jistgħu jitqiesu bħala ekwivalenti għas-*Certificate of Completion of Training (CCT)* maħruġ mill-Kumitat għall-Approvazzjoni ta' Speċjalisti ta' Malta. F'każ ta' diffikultà, il-parir tal-Kumitat għall-Approvazzjoni ta' Speċjalisti ta' Malta għandu jkun mitlub.

Sabiex tiġi ffaċilitata r-referenza, il-*website* tal-Kumitat għall-Approvazzjoni ta' Speċjalisti ta' Malta tista' tiġi kkonsultata fuq:

(https://ehealth.gov.mt/healthportal/others/regulatory_councils/medical_specialists_accreditat/med_specialists_accreditation.aspx).

4.6 Kandidati li japplikaw skont it-termini ta' paragrafu 4.2 (iii) (b) jew paragrafu 4.2 (iii) (c), u li jkunu jridu jippreżentaw dikjarazzjoni mill-Kumitat għall-Approvazzjoni ta' Speċjalisti kif mitlub fil-paragrafu 4.4 għandhom jinkludu kopja ta' din id-dikjarazzjoni mal-applikazzjoni u jippreżentaw l-oriġinali waqt l-intervista. Kandidati li ma jkunux fil-pussess ta' din id-dikjarazzjoni xorta jistgħu japplikaw, basta jissottomettu kopja ta' din id-dikjarazzjoni hekk kif din tkun għad-dispożizzjoni tagħhom, u f'ebda ċirkostanza mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. Applikanti li ma jilħqux jippreżentaw din id-dikjarazzjoni fi żmien xahar għal raġunijiet mhux fil-kontroll tagħhom, jistgħu jitolbu għal estensjoni b'xahar ieħor lill-Kap tad-Dipartiment fejn qed jintlaqgħu l-applikazzjonijiet, u jindikaw b'mod ċar ir-raġunijiet għad-dewmien. Talbiet għall-estensjonijiet itwal minn dan il-perjodu, għandhom jintbagħtu għall-konsiderazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

4.7 Kandidati li ma jkunux għadhom ġabu ċ-ċertifikazzjoni msemmija hawn fuq formalment xorta jiġu kkunsidrati, basta jipprovdu evidenza li ġew approvati għall-għoti taċ-ċertifikazzjoni msemmija sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.8 Applikanti jridu jkunu wkoll ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47), filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw Ċertifikat riċenti tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern qabel, u jagħtu d-dettalji).

4.9 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lil dawk l-applikanti li, minbarra li jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati f'paragrafu 4.1 sa 4.8 għandhom esperjenza relevanti ppruvata.

4.5 Candidates applying in terms of paragraph 4.2 (iii) (b) and paragraph 4.2 (iii) (c) above must obtain a recognition statement from the Specialist Accreditation Committee of Malta confirming that their qualifications may be considered as an equivalent to the certificate of completion of training (CCT) issued by the Specialist Accreditation Committee of Malta. In case of any difficulty, the advice of the Specialist Accreditation Committee of Malta is to be sought.

For ease of reference, the website of the Specialist Accreditation Committee of Malta may be consulted at:

(https://ehealth.gov.mt/healthportal/others/regulatory_councils/medical_specialists_accreditat/med_specialists_accreditation.aspx).

4.6 Candidates applying in terms of paragraph 4.2 (iii) (b) or paragraph 4.2 (iii) (c) and who are required to present a statement by the Specialist Accreditation Committee as specified in paragraph 4.5 should include a copy of that statement with their application and present the original at the interview. Candidates not in possession of the required statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement as soon as it is available and, in any case, by not later than one month from the closing date of this call for applications. Applicants who fail to present the required statement within the one-month period for reasons beyond their control may request an extension of this time limit, up to a further one month, from the Head of Department receiving the applications, indicating clearly the reasons for the delay. Requests for an extension beyond this period are to be submitted for the consideration of the Public Service Commission.

4.7 Candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned certification will still be considered, provided that they submit evidence that they have been approved for the award of the certification in question by the closing time and date of the call for applications.

4.8 Applicants must be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47), those applying from outside the Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

4.9 Due consideration will be given to applicants who, in addition to satisfying the requirements in paragraph 4.1 to 4.8 have proven relevant work experience.

4.10 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-*link* aktar 'l isfel).

Sottomissjoni ta' dokumentazzjoni

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/ jew dokumenti li kopja tagħhom għandha tkun mehmuża mal-applikazzjoni. Kopji *scanned* mibgħuta b'mod elettroniku huma aċċettati.

5.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista għall-verifikazzjoni.

Proċeduri tal-Għażla

6. L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn Bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post.

Sottomissjoni tal-applikazzjoni

7. L-applikazzjonijiet flimkien mal-*curriculum vitae* li juri l-kwalifiki u l-esperjenza flimkien mal-ismijiet ta' żewġ *referees*, jintlaqgħu mid-Direttorat tar-Riżorsi Umani, Ministeru għall-Enerġija u s-Saħħa (Saħħa) f'Palazzo Castellania 15, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta VLT 1171, sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar it-Tnejn, id-29 ta' Diċembru, 2014. L-applikazzjonijiet jistgħu jintbagħtu wkoll permezz tal-*Online Government Recruitment Portal* fuq (http://recruitment.gov.mt) sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet kif indikat hawn fuq. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

Dispożizzjonijiet ġenerali oħra

8. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

perjodu ta' prova u kundizzjonijiet oħra;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tintabagħat petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti

4.10 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

Submission of supporting documentation

5.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should be attached to the application. Scanned copies sent electronically are acceptable.

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection procedure

6. Eligible applicants will be assessed by a Selection Board to determine their suitability for the post.

Submission of applications

7. Applications together with a *curriculum vitae* showing qualifications and experience and the names and contact details of two referees, will be received by the Human Resources Division, Ministry for Energy and Health (Health) at Palazzo Castellania, 15, Triq il-Merkanti, Valletta VLT 1171, by not later than noon *(Central European Time)* of Monday, 29th December, 2014. Applications can also be submitted through the Online Government Recruitment Portal on (http://recruitment.gov.mt) by the said closing time and date of this call for applications as indicated above. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

Other general provisions

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

the probationary period and other conditions;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents

jinsabu fis-sit elettroniku tal-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika fl-indirizz (http://pahro.gov.mt/file.aspx?f=359), jew jinkisbu mid-Diviżjoni tar-Riżorsi Umani, Ministeru għall-Enerġija u s-Saħħa (Saħħa), Palazzo Castellania, 15, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta VLT 1171. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jitqiesu bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Għall-fini ta' paragrafu 6.2 tad-Dispożizzjonijiet Ġenerali ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, in-numru tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi huwa +356 2299 2604 filwaqt li l-indirizz elettroniku huwa (recruitment.meh-health@gov.mt).

It-12 ta' Diċembru, 2014

MINISTERU GĦALL-FINANZI

Post ta' Uffiċjal tad-Dwana fid-Dipartiment tad-Dwana fil-Ministeru għall-Finanzi

(Approvazzjoni skont il-capacity building datata is-7 ta'Ottubru, 2014)

Skont klawsola 3.1(l) tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Id-Direttur Ġenerali (Dwana), Ministeru għall-Finanzi jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Uffiċjal tad-Dwana fid-Dipartiment tad-Dwana fil-Ministeru għall-Finanzi.

Termini u Kundizzjonijiet

2.1 Is-salarju ta' Uffiċjal tad-Dwana, li jidħol/tidħol fil-grad bir-rekwiżiti tal-eliġibbiltà ta' paragrafu 4.1(A), huwa ta' Skala ta' Salarju 14, €13,282.02 fis-sena, li jiżdied b'€316.83 fis-sena sa massimu ta' €15,183.00 għal perjodu ta' sentejn *traineeship*, u wara servizz sodisfaċenti jitla'/titla' fi Skala 12, €15,106 fis-sena, li jiżdied b'€354 fis-sena sa massimu ta' €17,230.

2.2 Is-salarju ta' Uffiċjal tad-Dwana,li jidħol/tidħol bir-rekwiżiti tal-eliġibbiltà ta' paragrafu 4.1(B) huwa ta' Skala 12.

2.3 Persuna fil-grad ta' Uffiċjal tad-Dwana titla' fi Skala ta' Salarju 10 (€17,135.98 x €407.67 - €19,582.00) wara ħames snin servizz sodisfaċenti fil-grad ta' Skala 12.

2.4 Uffiċjali tad-Dwana, li għandhom il-kundizzjonijiet tax-xogħol stipulati fil-*Memorandum of Understanding* u l-Ftehim tal-*Customs Class* applikabbli, jirċievu wkoll *flexibility allowance* li, fis-sena 2014, hija ta' €4,948.51 fis-sena.

may be viewed by accessing the website of the Public Administration HR Office at the address (http://pahro.gov.mt/file.aspx?f=359), or may be obtained from the Human Resources Division, Ministry for Energy and Health (Health), Palazzo Castellania, 15, Triq il-Merkanti, Valletta VLT 1171. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

For the purpose of paragraph 6.2 of the General Provisions of this call for applications, the fax number of the receiving Division is +356 2299 2604 and the e-mail address is (recruitment.meh-health@gov.mt).

12th December, 2014

MINISTRY FOR FINANCE

Post of Customs Officer in the Customs Department in the Ministry for Finance

(Capacity building approval dated 7th October 2014)

In accordance with clause 3.1(l) of the current Collective Agreement, nomenclatures importing the male gender include also the female gender.

The Director General (Customs), Ministry for Finance invites applications for the post of Customs Officer in the Customs Department in the Ministry for Finance.

Terms and Conditions

2.1 The salary for the post of Customs Officer, entering into the grade under the eligibility provisions of paragraph 4.1(A) will be placed in Salary Scale 14, that is, €13,282.02 per annum, rising by annual increments of €316.83 up to a maximum of €15,183.00 for a traineeship period of two years following which, subject to satisfactory performance, these officers will be placed in Scale 12, that is, €15,106 per annum, rising by annual increments of €354 up to a maximum of €17,230.

2.2 Persons entering the grade of Customs Officers under the provision of paragraph 4.1(B) will be placed in Scale 12.

2.3 Customs Officers will progress to Salary Scale10 (€17,135.98 x €407.67 - €19,582.00) after five years in Scale 12, subject to satisfactory performance.

2.4 Customs Officers, whose conditions of work are stipulated in the applicable Memorandum of Understanding and Agreement of the Customs Class, are also entitled to a flexibility allowance, which in the year 2014, is of €4,948.51 per annum.

Dmirijiet

3. Id-dmirijiet ta' persuna fil-ħatra ta' Uffiċjal tad-Dwana jinkludu li:

a) ħares id-dħul tat-taxxi lokali u tal-UE;

b) tassisti fl-eżami u r-rilaxx, tagħmel *spot-checks*, ta' merkanzija prinċipalment magħmula fuq bażi ta' ġestjoni tar-riskju;

c) tissottometti rapporti lis-superjuri tiegħu/tagħha;

d) tinforma lis-superjuri tiegħu/tagħha dwar xi problemi potenzjali u diffikultajiet malli ssir taf bihom;

e) tiżgura li l-pubbliku jkollu servizz effiċjenti u kordjali

f) tagħmel xogħol fil-qasam legali u tassisti lill-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali fil-qorti fil-kawżi ċivili u kummerċjali kif ukoll tassisti lill-Pulizija waqt prosekuzzjoni f'każijiet kriminali li jinvolvu lid-Dipartiment tad-Dwana;

ġ) tagħti pratka, tirrilaxxa 'l barra u tfittex fuq bastimenti, jottijiet u ajruplani;

ħ) tikklerja passiġġieri, teżamina u tirrilaxxa l-bagalji;

i) tiġbor informazzjoni u tagħmel sorveljanza relatata ma' nuqqas ta' osservanza mal-liġijiet u r-regolamenti nazzjonali u tal-UE;

j) tassisti fil-faži ta' implimentazzjoni fil-proġetti tal-IT, tipprovdi sapport lil kull min juża l-programmi ta' l-IT u tikkoordina fis-sistema elettronika tal-IT fid-Dipartiment;

k) tattendi għall-laqgħat, *seminars* u korsijiet lokalment u barra minn Malta;

l) possibbilment taħdem fuq bażi ta' xift, li jinkludi l-Ħdud u Festi Pubbliċi;

m) tinforza r-regoli u r-regolamenti tad-Dwana lokali u tal-UE, bl-użu tas-setgħat eżekuttivi;

n) tfittex fuq il-persuni fil-portijiet u f'żoni tad-Dwana, skont ir-regolamenti tad-Dwana, meta meħtieġ;

o) issuq karozzi tad-Dipartiment fuq xogħol relatat direttament mad-doveri tiegħu/tagħha; u

p) tagħmel dmirijiet oħra skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku skont struzzjonijiet mogħtija mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Duties

3. The duties of Customs Officer include:

a) protecting EU and national revenue;

b) assisting in the examination and release of, and spot-checks on, targeted cargo mainly based on risk management;

c) submitting of reports to superior officers;

d) informing one's superiors regarding any potential problems or difficulties as soon as these become apparent;

e) ensuring that the public is given an efficient and cordial service;

f) performing legal duties and assisting the Office of the Attorney General in civil and commercial court cases as well as assisting the Police during prosecution in criminal cases involving the Customs Department;

g) admitting to pratique, clearing outwards and rummaging vessels, yachts and aircraft;

h) clearing passengers, examining and releasing luggage;

i) carrying out surveillance and intelligence work related to non-observance of EU and National Customs and Excise Legislation and Regulations;

j) assisting in the implementation phase of IT projects, providing user and operations IT support and coordinating the office automation within the Department;

k) attending meetings/seminars/courses held locally or abroad;

l) possibly working on a shift basis including Sundays and Public Holidays;

m) using executive powers to enforce Customs/EU rules and regulations;

n) effecting body searches when necessary in Customs ports/areas in terms of Customs regulations;

o) driving the Department's motor vehicles with relation to his/her direct duties; and

p) any other duties according to the exigencies of the Public Service as directed by the Principal Permanent Secretary.

Rekwiżiti tal-eliġibbiltà

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom:

(i) (A) (a) ikunu ċittadini ta' Malta;

Għandu jintalab il-parir tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates* skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjoni msemmija hawn fuq.

L-applikanti jridu jippreżentaw il-Karta tal-Identità tagħhom flimkien ma' fotokopja tagħha mal-applikazzjoni.

(b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija;

(c) ikollhom:

1) jew tliet (3) *passes* fil-Livell Avvanzat f'livell 4 tal-MQF, flimkien ma' mhux anqas minn tliet (3) *passes* f'Livell Ordinarju f'livell 3 tal-MQF (Gradi 1 - 5), jew kwalifika xierqa, komparabbli u rikonoxxuta f'suġġetti differenti, li jinkludu l-Malti, il-lingwa Ingliża, il-Matematika, u lingwa barranija oħra f'livell Avvanzat, Intermedjarju jew f'livell Ordinarju;

2) jew żewġ (2) *passes* fil-Livell Avvanzat f'livell 4 tal-MQF u tlieta (3) oħra fil-Livell Intermedjarju f'livell 4 tal-MQF, flimkien ma' mhux anqas minn tliet (3) *passes* f'Livell Ordinarju f'livell 3 tal-MQF (Gradi 1 - 5), jew kwalifika xierqa, komparabbli u rikonoxxuta f'suġġetti differenti, li jinkludu l-Malti, il-lingwa Ingliża, il-Matematika, u lingwa barranija oħra f'livell Avvanzat, Intermedjarju jew f'livell Ordinarju.

JEW

(B) Uffiċjali Pubbliċi fil-grad ta' Assistent tad-Dwana Anzjan.

Kwalifiki relevanti f'livelli 3 u 4 tal-MQRIC f'suġġetti ta' natura teknika jew maniġerjali/amministrattiva, kif determinat mill-esiġenzi tax-xogħol minn żmien għal żmien, jiġu kkunsidrati wkoll favorevolment.

Kwalifiki li huma ta' livell ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu aċċettati għall-fini ta' eliġibbilità, sakemm dawn ikunu fis-suġġetti mitluba.

Dawk il-kandidati li ma jkunux għadhom ġabu l-kwalifiki msemmija hawn fuq formalment xorta jiġu kkunsidrati, basta jipprovdu evidenza li ġew appovati għall-għoti tal-kwalifiki msemmija sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

(ii) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu

Eligibility requirements

4.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

(i) (A) (a) citizens of Malta;

The advice of the Citizenship and Expatriates Department should be sought as necessary in the interpretation of the above provision.

Applicants must produce their official Identity Card and a photocopy thereof along with their application.

(b) able to communicate in the Maltese language;

(c) in possession of:

1) either three (3) passes at 'A' level at MQF level 4 and at least three (3) passes in different subjects at 'O' level at MQF level 3 (Grades 1 – 5), or an appropriate, recognized comparable qualification which should include Maltese, English Language, Mathematics and a foreign language at either 'A' level, Intermediate, or 'O' level;

2) or two (2) passes at 'A' level at MQF level 4 and three (3) passes in Intermediate level at MQF level 4 and at least three (3) passes in different subjects at 'O' level at MQF level 3 (Grades 1 - 5), or an appropriate, recognized comparable qualification which should include Maltese, English Language, Mathematics and a foreign language at either 'A' level, Intermediate, or 'O' level.

OR

(B) Public Officers in the grade of Senior Customs Assistant.

Relevant qualifications at MQRIC level 3 and 4 in subjects related to a technical or managerial/administrative nature as determined by work exigencies from time to time shall also be considered favourably.

Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualifications will still be considered, provided that they submit evidence that they have been approved for the award of the qualifications in question by the closing time and date of the call for applications.

(ii) of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and

jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw Ċertifikat riċenti tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

4.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak mitlub f'paragrafu 4.1, għandhom esperjenza ta' xogħol relevanti u ppruvata.

4.3 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-*link* aktar 'l isfel).

Stadji fil-proċess tal-għażla

5.1 L-għażla tal-kandidati tkun f'żewġ partijiet:

żewġ eżamijiet bil-miktub, kull wieħed ta' tliet sigħat, fl-Ingliż u fil-Malti maħsuba biex joħorġu l-kapaċità tal-kandidati li jifhmu u jesprimu ruħhom bl-Ingliż kif ukoll bil-Malti (kull eżami jkollu massimu ta' 200 marka li kull wieħed ikun soġġett għal *pass mark* ta' 120 marka).

Kopja tas-Sillabu tinsab fl-Appendiċi għall-benefiċċju tal-kandidati.

Intervista (massimu 100 marka)

Huma biss il-kandidati li jgħaddu mill-eżamijiet bil-miktub li jitħallew jersqu għall-intervista.

5.2 Uffiċjali fil-grad ta' Assistent tad-Dwana Anzjan ikunu intitolati għal kreditu ta' 3 marki għal kull sena ta' servizz fil-grad ta' Assistent tad-Dwana Anzjan, Assistent tad-Dwana, u fil-grad preċedenti ta' Gwardjan, sa massimu ta' 15-il marka bħala parti mill-marka totali finali tal-eżami.

Il-*passmark* globali hija ta' 60% tal-marka massima allokata, jiġifieri 60% ta' 500 marka.

5.3 L-ordni finali tal-kandidati tiġi determinata mill-marki totali li jinkisbu fl-eżami bil-miktub, fl-intervista u l-marki mogħtija għas-servizz (para 5.2). Fil-każ li jkun hemm kandidati li jġibu l-istess numru ta' marki, il-preċedenza tingħata skont il-proċeduri stabbiliti.

5.4 Ir-riżultat jibqa' jgħodd għal sentejn mid-data tal-pubblikazzjoni.

Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

4.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraph 4.1, have proven relevant work experience.

4.3 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

Selection stages

5.1 The selection of candidates will be in two stages:

two written examinations each of a duration of three hours aimed at assessing the candidates' ability in comprehension and expression in Maltese and English (maximum 200 marks for each test with a pass mark each of 120 marks).

For the guidance of candidates a copy of the syllabus can be found in the appendix.

An interview (maximum 100 marks).

Only candidates who obtain a pass mark in the written examinations will be allowed to proceed to the interview.

5.2 Officers in the grade of Senior Customs Assistant will be entitled to a credit of 3 marks for each year of service of Senior Customs Assistant, Customs Assistant and in the previous grade of Guard, up to a maximum of 15 marks as part of the total final mark of the examination.

The overall pass mark is 60% of the maximum marks allotted, that is, 60% of 500 marks.

5.3 The final order of merit of successful candidates will be determined by the total marks gained in the written examination, the interview and the service credit (para 5.2). In the case of candidates who obtain the same number of marks, precedence will be determined in accordance with established procedures.

5.4 The result will remain valid for two years from the date of publication.

5.5 L-eżami bil-miktub jitmexxa mid-Direttur tal-Eżamijiet u l-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali. Il-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali jkollu s-setgħa li jiddeċiedi x'għandu jsir minnufih dwar kandidati li waqt l-eżami jinstabu ħatja ta' xi nuqqas jew ksur tar-regolamenti li jkunu tqassmu lill-kandidati.

5.6 Il-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali jżomm id-dritt li jħassar l-eżami jekk tinsab xi irregolarità dwar dan l-eżami. Tħassir bħal dan jista' jkun dwar l-eżami kollu, wkoll jekk l-irregolarità li tinsab tkun dwar suġġett wieħed biss jew stadju partikolari tal-eżami.

5.7 Id-Direttur tal-Eżamijiet jippubblika r-riżultat tal-eżami bil-miktub, li jiġi esebit fuq in-*notice board* tad-Dipartiment tal-Eżamijiet, il-Mall, Triq Sarria, Il-Furjana, u dik taċ-Ċentru tal-Eżamijiet, Ir-Rabat, Għawdex.

5.8 Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jinħareġ fuq il-Gazzetta tal-Gvern u jidher ukoll fuq is-sit tad-Dipartiment tal-Eżamijiet li hija (www.exams.gov.mt).

5.9 Talba għar-reviżjoni ta' karti tal-eżamijiet għandha tintbagħat lid-Direttur tal-Eżamijiet fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż imsemmi f'paragrafu 5.8.

5.10 Wara li r-riżultat tal-eżami miktub jiġi ppubblikat, dawk il-kandidati li jkunu għaddew jintalbu biex jattendu għal intervista minn Bord tal-Għażla taħt l-awspiċi tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

5.11 L-ordni tal-mertu finali jiġi ppubblikat mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u jiġi esebit fuq in-*notice-board* tal-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tal-Ministeru fejn se timtela l-vakanza.

5.12 Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jidher fuq il-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq (https://secure2.gov.mt/PSC/news-archive).

Sottomissjoni ta' dokumentazzjoni

6.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti li kopja tagħhom għandha tkun mehmuża mal-applikazzjoni.

6.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

5.5 The written examination will be conducted by the Director, Examinations, and the Board of Local Public Examinations. The Board of Local Public Examinations will have the power to deal summarily with any candidate who, while the examination is in progress, is found guilty of misconduct or any breach of the instructions issued for the guidance of candidates.

5.6 The Board of Local Public Examinations reserves the right to annul the examination if any irregularity is detected in connection therewith. Such annulment may be in respect of the whole examination even if the detected irregularity is in respect of only one subject or a particular stage of the examination.

5.7 The Director (Examinations) will publish the result of the written examination which will be exhibited on the notice board of the Department of Examinations, the Mall, Sarria Street, Floriana, and the Examinations Centre, Victoria, Gozo.

5.8 A notification of the publication of the result will be issued in the Government Gazette and will also appear on the website of the Examinations Department where it may be accessed on (www.exams.gov.mt).

5.9 Requests for revision of papers are to be submitted to the Director (Examination) within ten (10) working days from the date of publication of the notification mentioned in paragraph 5.8 above.

5.10 After the publication of the result of the written examination, the successful candidates will be asked to attend for an interview which will be conducted by a Selection Board under the auspices of the Public Service Commission.

5.11 The final order of merit will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of the Ministry where the vacancy to be filled lies.

5.12 A notification of the issue of the result will duly appear on the website of the PSC where it may be accessed at (https://secure2.gov.mt/PSC/news-archive).

Submission of supporting documentation

6.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should be attached to the application.

6.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Sottomissjoni tal-applikazzjoni

7.1 Formoli tal-applikazzjoni jinkisbu mid-Dipartiment tal-Eżamijiet, il-Mall, Triq Sarria, Il-Furjana jew miċ-Ċentru tal-Eżamijiet, Triq Fortunato Mizzi, Ir-Rabat, Għawdex, min-nhar it-Tnejn 12 ta' Jannar 2015, jew jistgħu jitniżżlu minn dan is-sit: (www.exams.gov.mt).

7.2 L-applikazzjonijiet flimkien ma' *Service and Leave Record Form* aġġornat (GP47) fil-każ ta' Uffiċjali Pubbliċi, *curriculum vitae* dettaljat u l-miżata tal-eżami ta' €9.30 jintlaqgħu fid-Dipartiment tal-Eżamijiet, il-Mall, Triq Sarria, Il-Furjana u ċ-Ċentru tal-Eżamijiet, Triq Fortunato Mizzi, Ir-Rabat, Għawdex mhux aktar tard mill-Ġimgħa 23 ta' Jannar 2015, fl-4.00 p.m. CET.

7.3 Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *email, fax* jew xi mezz ieħor simili sal-4.00 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgha, 23 ta' Jannar 2015 jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. Il-formola tal-applikazzjoni ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand id-Dipartiment tal-Eżamijiet mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* u l-indirizz tal-*email* tad-Dipartiment tal-Eżamijiet huma 2123 7471 u (exams.department@gov.mt) rispettivament.

7.4 Taħt l-ebda ċirkostanza ma jintlaqgħu applikazzjonijiet li ma jaslux fiż-żmien speċifikat.

Dispożizzjonijiet ġenerali oħra

8. Dispożizzjoni ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

il-perjodu ta' prova u kundizzjonijiet oħra;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
petizzjonijiet dwar ir-riżultat finali;
eżami mediku;
żamma ta' dokumenti

jinstabu fis-sit elettroniku tal-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika fl-indirizz (http://www.pahro.gov.mt/file.aspx?f=654) jew jinkisbu mill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani, Dipartiment tad-Dwana, *Custom House*, Xatt Lascaris, Il-Belt Valletta. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jitqiesu bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Submission of applications

7.1 Application forms may be obtained from the Department of Examinations, the Mall, Triq Sarria, Floriana or the Examinations Centre, Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Gozo from Monday 12th January 2015, or may be downloaded from the following website: (www.exams.gov.mt).

7.2 The completed applications accompanied by an up-to-date Service and Leave Record Form (GP47) in the case of public officers and a detailed curriculum vitae and an examination fee of €9.30 will be received at the Department of Examinations, the Mall, Triq Sarria, Floriana and at the Examinations Centre, Fortunato Mizzi Street, Victoria, Gozo by not later than Friday, 23rd January 2015 at 4.00 p.m. CET.

7.3 Applications received from abroad by 4.00 p.m. (Central European Time) of Friday, 23rd January 2015 through email, fax, or other similar means may be considered provided all requisite details are given. In the case of such applications, the formal application duly signed by the applicant must reach the Examinations Department by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number and e-mail address of the Examinations Department are 2123 7471 and (exams.department@gov.mt), respectively.

7.4 Under no circumstances will applications which are not received within the specified time limit be considered.

Other general provisions

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

the probationary period and other conditions;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
petitions on the final result;
medical examination;
retention of documents

may be viewed by accessing the website of the Resourcing Directorate, PAHRO at the address (http://www.pahro.gov.mt/file.aspx?f=654) or may be obtained from Human Resources Section, Customs Department, Custom House, Lascaris Wharf, Valletta. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

Appendiċi

Sillabu

Eżami Kompetittiv għall-Grad ta' Uffiċjal tad-Dwana

Karti: Ingliż - 3 Sigħat
Malti - 3 Sigħat

Karta tal-Eżami: Ingliż
Ħin: 3 Sigħat

1. Komponiment ta' madwar 500-550 kelma -100 marka
2. Taħriġ il-Fehem (*Comprehension*) - 60 marka
3. Silta bil-Malti biex tinqaleb għall-Ingliż - 40 marka

Massimu: 200
Minimu: 120

Karta tal-Eżami: Malti
Ħin: 3 Sigħat

1. Komponiment ta' madwar 500-550 kelma -100 marka
2. Taħriġ il-Fehem (*Comprehension*) - 60 marka
3. Silta bl-Ingliż biex tinqaleb għall-Malti - 40 marka

Massimu: 200
Minimu: 120

It-12 ta' Diċembru, 2014

Appendix

Syllabus

Competitive Examination for Entry into the Grade of Customs Officer

Papers: English - 3 Hours
Maltese - 3 Hours

Examination Paper: English
Time Allowed: 3 hours

1. Essay - about 500-550 words - 100 marks
2. Comprehension Test - 60 marks
3. Translation of a text from Maltese into English - 40 marks

Maximum: 200
Minimum: 120

Examination Paper: Maltese
Time Allowed: 3 hours

1. Essay - about 500-550 words - 100 marks
2. Comprehension Test - 60 marks
3. Translation of a text from English into Maltese - 40 marks

Maximum: 200
Minimum: 120

12th December, 2014

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA

Post/Postijiet *Part-Time* ta' Uffiċjal ta' Sostenn tar-Riċerka II /Assistent (*Phlebotomist – Measurer*)

SAĦĦTEK – L-Università ta' Malta, L-Istudju tas-Saħħa u l-Benesseri

Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija

Jintlaqgħu applikazzjonijiet għall-post/ijiet għall-post/ijiet *Part-Time* ta' Uffiċjal ta' Sostenn tar-Riċerka II/Assistent (*Phlebotomist – Measurer*) biex jaħdmu fuq SAĦĦTEK – L-Università ta' Malta, l-Istudju tas-Saħħa u l-Benesseri.

2. L-applikanti jridu jkunu *phlebotomists* (teħid tad-demm) b'esperjenza, u kapaċi jieħdu l-kejl tal-pressjoni tad-demm, kejl tal-BMI u kejl tal-ġenbejn u qadd.

3. L-applikanti jridu jkunu lesti li jaħdmu sa 5 sigħat filgħodu għal 4 jew 5 darbiet fil-ġimgħa (li jinkludu tmiem il-ġimgħa), u jkollhom it-trasport tagħhom.

UNIVERSITY OF MALTA

Part-Time Post/s of Research Support Officer II/Assistant (Phlebotomist – Measurer)

SAĦĦTEK – The University of Malta, Health and Wellbeing Study

Faculty of Medicine and Surgery

Applications are invited for the part-time Post/s of Research Support Officer II/Assistant (Phlebotomist-Measurer) to work on SAĦĦTEK – The University of Malta Health and Wellbeing Study.

2. Applicants must be experienced phlebotomists (blood taking), able to perform blood pressure measurement, BMI measurement and hip-waist mesurment.

3. Applicants must be available up to 5 hours in the morning for 4 to 5 times a week (including weekends), and have their own transport.

4. Dan il-post *part-time* hu għal perjodu ta' 24 xahar, u għandu salarju ta' €12.00 fis-siegħa.

5. Il-kandidati għandhom jibagħtu ittra tal-applikazzjoni, kopja tal-*curriculum vitae* u kopja *scanned* taċ-ċertifikati. L-applikazzjonijiet jistgħu jintbagħtu permezz ta' *e-mail* lil (projects.hrmd@um.edu.mt), u jintlaqgħu mhux aktar tard minn nofsinhar tal-Ġimgħa, 19 ta' Diċembru, 2014.

Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

6. Aktar tagħrif jista' jinkiseb mill-Uffiċċju għat-Tmexxija u l-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani, Kamra 215, Uffiċċji Amministrattivi u mill-*website*: (http://www.um.edu.mt/hrmd/vacancies).

It-12 ta' Diċembru, 2014

4. This part-time post is for a period up to 24 months and carries a salary of €12.00 per hour.

5. Candidates should submit their letter of application, a copy of their curriculum vitae and a scanned copy of their certificates. Applications must be sent by e-mail to (projects.hrmd@um.edu.mt), and should be received by not later than noon of Friday, 19th December 2014.

Late applications will not be considered.

6. Further information may be obtained from the Office for the Human Resources Management and Development, Room 215, Administration Building or from the website: (http://www.um.edu.mt/hrmd/vacancies).

12th December, 2014

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA

Post/Postijiet *Part-Time* ta' Assistent ta' Sostenn tar-Riċerka (*Interviewer*)
SAĦĦEK – L-Università ta' Malta, L-Istudju tas-Saħħa u l-Benesseri

Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija

Jintlaqgħu applikazzjonijiet għall-post/ijiet *Part-Time* ta' Assistent ta' Sostenn tar-Riċerka (*Interview*) biex jaħdmu fuq SAĦĦTEK – L-Università ta' Malta l-Istudju tas-Saħħa u l-Benesseri.

2. L-applikanti jridu jkunu adulti litterati u jkunu lesti li jaħdmu sa 5 sigħat filgħodu għal 4 jew 5 darbiet fil-ġimgħa (li jinkludu tmiem il-ġimgħa), u jkollhom it-trasport tagħhom.

3. Dan il-post *part-time* hu għal perjodu ta' 24 xahar, u għandu salarju ta €5.00 għal kull kwestjonarju komplut.

4. Il-kandidati għandhom jibagħtu ittra tal-applikazzjoni, kopja tal-*curriculum vitae* u kopja *scanned* taċ-ċertifikati. L-applikazzjonijiet jistgħu jintbagħtu permezz ta' *e-mail* lil (projects.hrmd@um.edu.mt), u jintlaqgħu mhux aktar tard minn nofsinhar tal-Ġimgħa, 19 ta' Diċembru, 2014.

Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

5. Aktar tagħrif jista' jinkiseb mill-Uffiċċju għat-Tmexxija u l-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani, Kamra 215, Uffiċċji Amministrattivi u mill-*website*: (http://www.um.edu.mt/hrmd/vacancies).

It-12 ta' Diċembru, 2014

UNIVERSITY OF MALTA

Part-Time Post/s of Research Support Assistant (Interviewer)
SAĦĦTEK – The University of Malta, Health and Wellbeing Study

Faculty of Medicine and Surgery

Applications are invited for the part-time Post/s of Research Support Assistant (Interviewer) to work on SAĦĦTEK – The University of Malta Health and Wellbeing Study.

2. Applicants must be literate adults who are available up to 5 hours in the morning for 4 to 5 times a week (including weekends) and have their own transport.

3. This part-time post is for a period up to 24 months, and carries a salary of €5.00 per completed questionnaire.

4. Candidates should submit their letter of application, a copy of their curriculum vitae and a scanned copy of their certificates. Applications must be sent by e-mail to (projects.hrmd@um.edu.mt), and should be received by not later than noon of Friday, 19th December, 2014.

Late applications will not be considered.

5. Further information may be obtained from the Office for the Human Resources Management and Development, Room 215, Administration Building or from the website: (http://www.um.edu.mt/hrmd/vacancies).

12th December, 2014

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA

Post/Postijiet *Part-Time* ta' Uffiċjal ta' Sostenn tar-Riċerka I jew II jew III
PAGE - Proġett VolkswagenStiftung

Prosodic and Gestural Entrainment in Conversational Interaction across Diverse Languages

Istitut tal-Lingwistika

Jintlaqgħu applikazzjonijiet għal post/ijiet *part-time* fil-grad ta' Uffiċjal ta' Sostenn tar-Riċerka I biex jaħdem fuq *PAGE - Prosodic and Gestural Entrainment in Conversational Interaction across Diverse Languages*. Il-mexxej tal-proġett huwa l-Prof. Jonathan Harrington, l-Università ta' Munich. L-Università ta' Malta hija waħda mill-parteċipanti fil-proġett permezz ta' Dr Alexandra Vella, Istitut tal-Lingwistika, flimkien ma' msieħba oħra minn Universitajiet ta' Cologne (Ġermanja), Bari (Italja), Poznań (Polonja), Tilburg (l-Olanda) u Illinois (Urbana, USA). Iktar informazzjoni fuq PAGE tista' tinkiseb mill-*website* tal-proġett fuq (http://page.home.amu.edu.pl/).

2. L-applikanti jrid ikollhom fil-pussess tagħhom l-ewwel grad fil-Lingwistika. Iridu jkunu jafu tajjeb u profiċjenti fil-Malti, kif ukoll esperjenza fis-segmentazzjoni u annotazzjoni ta' *data* mitkellma f'livelli differenti ta' struttura. Irid ikollhom esperjenza preċedenti fl-ippreparar ta' preżentazzjonijiet u kitba ta' rapporti fuq riżultati ta' riċerka li tkun saret. Huwa meqjus ta' vantaġġ min ikollu esperjenza ta' xogħol fil-kuntesti ta' riċerka tal-proġett li jirrikjedu li l-parteċipanti kollha jiffunzjonaw bħala parti minn tim.

3. Il-post/ijiet jinvolvi total massimu globali ta' 14-il siegħa fil-ġimgħa għal perjodu ta' 24 ġimgħa, jew l-ekwivalenti għal perjodu itwal jew iqsar, u għandu rata fis-siegħa ta' €10 għal kandidati bl-ewwel grad, €12 għal kandidati bi grad fil-*Masters*, jew €15 għal kandidati bi PhD.

4. Il-kandidati għandhom jibagħtu ittra tal-applikazzjoni, kopja tal-*curriculum vitae* u kopja waħda *scanned* taċ-ċertifikati. L-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu permezz ta' *e-mail* lil (projects.hrmd@um.edu.mt), u jintlaqgħu mhux aktar tard minn nofsinhar tat-Tnejn, 22 ta' Diċembru, 2014.

Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

5. Aktar tagħrif jista' jinkiseb mill-Uffiċċju għat-Tmexxija u l-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani, Kamra 215, Uffiċċji Amministrattivi u mill-*website* (http://www.um.edu.mt/hrmd/vacancies).

It-12 ta' Diċembru, 2014

UNIVERSITY OF MALTA

Post/s of Part-Time Research Support Officers I or II or III
PAGE - VolkswagenStiftung Project

Prosodic and Gestural Entrainment in Conversational Interaction across Diverse Languages

Institute of Lingustics

Applications are invited for part-time post/s of Research Support Officer to work on PAGE - Prosodic and Gestural Entrainment in Conversational Interaction across Diverse Languages. PAGE is a project supported by VolkswagenStiftung. The project holder is Prof. Jonathan Harrington, University of Munich. The University of Malta is one of the participants in the project through Dr Alexandra Vella, Institute of Linguistics, alongside partners from the Universities of Cologne (Germany), Bari (Italy), Poznań (Poland), Tilburg (The Netherlands) and Illinois (Urbana, USA). Further information about PAGE can be obtained from the project website at (http://page.home.amu.edu.pl/).

2. Applicants must be in possession of a first degree in Linguistics. They must also have good knowledge of and proficiency in Maltese, as well experience in segmenting and annotating spoken data at different levels of structure. They should also have previous experience in preparing presentations and writing up reports on the results of research carried out. Experience of working in research project contexts requiring that all participants function as part of a team will be considered an asset.

3. The post/s involve a maximum overall total of 14 hours per week for a period of 24 weeks, or the equivalent for a longer or a shorter period, and carries an hourly rate of €10 for candidates with a first degree, €12 for candidates with a Masters degree, or €15 for candidates with a PhD.

4. Candidates should submit their letter of application, a copy of their curriculum vitae and a scanned copy of their certificates. Applications must be sent by e-mail to (projects.hrmd@um.edu.mt), and should be received by not later than noon of Monday, 22nd December, 2014.

Late applications will not be considered.

5. Further information may be obtained from the Office for the Human Resources Management and Development, Room 215, Administration Building or from the website (http://www.um.edu.mt/hrmd/vacancies).

12th December, 2014

MINISTERU GĦAT-TRASPORT U L-INFRASTRUTTURA

Riżultat ta' Intervisti għall-Post ta' *Health Attendant* (*Public Cleansing*) *Group II* fid-Direttorat għat-Tindif fi ħdan il-Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura

Is-Segretarju Permanenti jgħarraf illi r-riżultat tal-intervisti għall-post imsemmi hawn fuq ġie ppubblikat, u wieħed jista' jarah fuq in-*notice-board* prinċipali fid-Direttorat tal-*People Management*, Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura, Blokk A, Triq Francesco Buonamici, Il-Furjana, u fuq in-*notice-board* tal-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Level 2, Palazz Spinola, 46, Triq San Kristofru, Il-Belt Valletta.

It-12 ta' Diċembru, 2014

MINISTRY FOR TRANSPORT AND INFRASTRUCTURE

Result of Interviews for the Post of Health Attendant (Public Cleansing) Group II in the Cleansing Directorate within the Ministry for Transport and Infrastructure

The Permanent Secretary notifies that the result of the interviews for the above-mentioned position has been published, and can be viewed on the main notice-board at the People Management Directorate, Ministry for Transport and Infrastructure, Block A, Triq Francesco Buonamici, Floriana, and on the notice-board of the Office of the Public Service Commission, Level 2, Spinola Place, 46, Triq San Kristofru, Valletta.

12th December, 2014

AWTORITÀ TAD-DJAR

Bejgħ ta' Appartamenti, *Maisonettes* u Garaxxijiet f'diversi lokalitajiet f'Malta

B'referenza għall-Avviż Legali Numru 77 ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tat-13 ta' Frar 2014, l-Awtorità tad-Djar qed tagħmel dawn l-emendi:

(1) Iżżid din is-sub-klawsola fl-aħħar ta' Klawsola 2:

2.20 il-kelma "fond" tfisser kwalunkwe proprjetà ttrasferita mill-Awtorità tad-Djar taħt dan l-Avviż lill-benefiċjarju, u tinkludi garaxx, *car parking space*, appartament, u/jew *maisonette*. Is-singular jikkomprendi l-plural.

(2) Temenda Klawsola 9 Sub-Klawsola 3 (e) (i) biex taqra kif ġej:

(i) F'każ illi l-benefiċjarju jkun jrid ibiegħ lil terzi l-fond minnhom akkwistat taħt dan l-Avviż, u ċioè wara li jkunu għaddew ħames (5) snin mid-data minn meta jidħol jokkupa l-fond huwa, għandu jinforma lill-Awtorità b'dan qabel l-iffirmar tal-konvenju u jirrifondi lill-Awtorità s-sussidju gawdut sad-data tal-kuntratt finali tat-trasferiment tal-fond lill-terzi u kif muri fit-tabella ta' hawn taħt. Il-garaxx u l-fond residenzjali jistgħu jiġu ttrasferiti lill-terzi persuni separatament. L-istess regoli tar-rifużjoni tas-sussidju għall-fondi residenzjali japplikaw ukoll għall-garaxxijiet.

(3) Iżżid din is-sub-klawsola fl-aħħar ta' Klawsola 9 (e):

(vi) F'każ illi l-fond jittella' għal bejgħ b'subbasta ġudizzjarja fuq talba ta' Bank jew terzi persuni oħra, l-Awtorità jkollha d-dritt tal-ewwel għażla, illi terġa' tixtri l-fond hi u dana biss fid-diskrezzjoni tal-istess Awtorità.

HOUSING AUTHORITY

Sale of Apartments, Maisonettes and Garages in Various Localities of Malta

With reference to Legal Notice 77 published in the Government Gazette of the 13th February 2014, the Housing Authority is effecting the following amendments:

(1) Add the following Sub-Clause at the end of Clause 2:

2.20 the word "property" means any property transferred by the Authority to the beneficiary under this Advert, which includes a garage, a car parking space, an apartment and/or a maisonette. The singular shall imply the plural.

(2) Amend Clause 9 Sub Clause 3 (e) (i) to read as follows:

(i) In the eventuality that the beneficiary wants to sell their property purchased under this advert to third parties, that is after the lapse of five (5) years from the date when they had occupied the immovable property, they shall inform the Authority prior the signing of the preliminary agreement and shall, refund to the Authority the subsidy enjoyed up till the deed of transfer of the property to third parties as shown in the table below. The property and the garage can be transferred to third parties separately. The same conditions in relation to refund of subsidy on the property shall also apply to the garages.

(3) Add the following Sub-Clause at the end of Clause 9 (e):

(vi) If the property is requested by the Bank or third parties to be sold by judicial auction, the Authority shall have the right of first refusal whether to buy back the property and this at its sole discretion.

(4) Iżżid din is-sub-klawsola fl-aħħar ta' Klawsola 9:

(h) Appoġġi

Fit-trasferiment u f'kull trasferiment ieħor sussegwenti tal-fond, l-Awtorità tad-Djar tirriserva għaliha kull kumpens jew ħlas li jsir bħala dritt ta' appoġġ meta l-ħajt diviżorju li miegħu jsir l-appoġġ ikun inbena mill-Gvern ta' Malta jew mill-Awtorità tad-Djar. Dan il-kumpens jew ħlas jitnaqqas proporzjonalment skont il-parti mill-ħajt diviżorju użat f'każ li l-ħajt ma jkunx inbena kollu a spejjeż tal-Gvern ta' Malta jew tal-Awtorità tad-Djar.

F'dan it-trasferiment u f'kull trasferiment ieħor sussegwenti li jkun hemm tal-*garage/car parking space* b'dana l-att mibjugħ, l-Awtorità tirriserva għaliha kull kumpens jew ħlas li jsir bħala dritt ta' appoġġ meta l-ħajt diviżorju li miegħu jsir l-appoġġ ikun inbena mill-Gvern ta' Malta jew mill-Awtorità.

(5) Temenda Klawsola 10 Sub-Klawsola 10.1 biex taqra kif ġej:

10.1 Il-fondi taħt dan l-Avviż qed jinħarġu fi stat kif jidher fi kolonna I Skeda B. Il-bejgħ, anke tenut kont tal-prezz u tal-kondizzjonijiet l-oħra li bih qed isir, għandu jkun *tale quale* ossija fil-kondizzjoni u stat li jinsab fih fil-ġurnata li jsir il-kuntratt ta' bejgħ, inklużi kwalunkwe difetti latenti. Għaldaqstant qiegħda tiġi esklużа l-garanzija għad-difetti latenti.

(6) Iżżid dawn is-sub-klawsoli fl-aħħar ta' Klawsola 10.7:

(e) Fil-każ ta' *garages/car parking spaces* fi stat ta' ġebel u saqaf, dawn flimkien mal-partijiet komuni, iridu jiġu kompluti mill-kumpraturi infushom. L-ispejjeż inkonnessjoni mat-tlestija tal-partijiet komuni jridu jinqasmu fi kwoti ndaqs u indiviżi bejn il-koproprjetarji kollha.

(f) L-ispejjeż għall-manutenzjoni u tiswijiet tal-partijiet komuni tal-*garages/carparking spaces* inkluż pompa tal-emergenza għal *"overflow"* fejn applikabbli, bibien tal-entratura prinċipali, *service rooms* fejn applikabbli, tiswijiet, konsum tad-dawl, tindif u spejjeż oħra li jinqalgħu minn żmien għal żmien tal-partijiet komuni tal-*garages* iridu jinqasmu bejn il-koproprjetarji tal-*garages/car parking spaces* li għandhom l-obbligu li jżommu l-partijiet komuni kollha fi stat xieraq. Għal dan il-għan, il-benefiċjarji tal-garaxxijiet/*car parking spaces* iridu jaħtru rappreżentant biex jamministra dawn l-obbligi.

It-12 ta' Diċembru, 2014

(4) Add the following Sub-Clause at the end of Clause 9:

(h) Party Walls

Upon a transfer and for every subsequent transfer of the tenement, the Housing Authority reserves unto itself all rights for compensation or payment as regards party walls when the dividing wall in question would have been built by the Government of Malta or the Housing Authority. This compensation or payment due would be reduced proportionately in respect of the dividing wall used in those cases where the dividing wall would have been constructed at the Government of Malta's expense or at the Housing Authority's expense.

In this transfer and in all subsequent future transfers of the garage/car parking space subject of this deed, the Housing Authority reserves unto itself the right to be compensated or paid in those cases when the respective party wall would have been constructed by the Government of Malta or by the Housing Authority.

(5) Amend Clause 10 Sub Clause 10.1 to read as follows:

10.1 The properties included in this Advert are being offered in the state as shown in Column I Schedule B. Considering the price of the sale and all the other terms and conditions under which the sale is being made, the property is to be transferred as *tale quale*, that is in the condition and state in which the property is on the date of the deed of transfer including any latent defects. Therefore the guarantee against latent defects is being excluded.

(6) Add the following Sub-Clause at the end of Clause 10.7:

(e) In case of garages/car parking spaces in shell form, these together with their common parts, have to be finished by the buyers themselves. The expense in connection with the finishing works of the common parts is to be divided in equal undivided shares between all the co owners.

(f) The maintenance fees and repairs of the common parts of the garages/car parking spaces including the pump of emergency of the overflow where applicable, doors to the main entrance, service room where applicable, repairs, electricity consumption, cleaning and other expenses that might occur in the common parts of the garages from time to time have to be equally divided between the co owners of the garages/car parking spaces who also are obliged to keep all the common parts in a good state of repair. Therefore the beneficiaries of the garages/car parking spaces have the obligation to nominate a representative to administer these obligations.

12th December, 2014

UFFIĊĊJU GĦALL-KOMPETIZZJONI

Notifika ta' Konċentrazzjoni

Skont ir-regolament 5(4) tar-Regolamenti tal-2002 dwar il-Kontroll ta' Konċentrazzjonijiet ippublikati fl-Avviż Legali 294 tal-2002, l-Aġent Direttur Ġenerali tal-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni jgħarraf għall-informazzjoni ta' kulħadd illi notifika ta' konċentrazzjoni bejn KPMG Investments Malta Limited u Crimsonwing plc saret u ġiet aċċettata nhar il-Ġimgħa, il-5 ta' Diċembru, 2014.

Il-konċentrazzjoni hija akkwist minn KPMG Investments Malta Limited ta' kontroll assolut ta' Crimsonwing p.l.c.

Is-setturi ekonomiċi involuti huma dawk ta':
Enterprise resource planning; u
Customer relationship management

L-Aġent Direttur Ġenerali tal-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni jistieden lil terzi interessati biex jissottomettu l-osservazzjonijiet tagħhom dwar il-konċentrazzjoni notifikata.

Tali osservazzjonijiet bil-miktub għandhom jaslu għand l-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni fi żmien sebat ijiem mill-pubblikazzjoni ta' din in-notifika f'dan l-indirizz:

L-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni
u għall-Affarijiet tal-Konsumatur
Uffiċċju għall-Kompetizzjoni
Mizzi House
Triq Nazzjonali
Blata l-Bajda, ĦMR 9010
Malta

It-12 ta' Diċembru, 2014

OFFICE FOR COMPETITION

Notification of Concentration

In terms of regulation 5(4) of Regulations on Control of Concentrations, 2002 published in Legal Notice 294 of 2002, the Acting Director General of the Office for Competition notifies for general information that a notification of a concentration between KPMG Investments Malta Limited and Crimsonwing plc was filed and accepted on Friday, 5th December, 2014.

The nature of the concentration is an acquisition of sole control by KPMG Investments Malta Limited of Crimsonwing p.l.c.

The economic sectors involved are those of:
Enterprise resource planning; and
Customer relationship management

The Acting Director General of the Office for Competition invites interested third parties to submit their written observations on this notified concentration.

Such written observations should reach the Office for Competition within seven days following publication of this notice at the following address:

Malta Competition and Consumer
Affairs Authority
Office for Competition
Mizzi House
Triq Nazzjonali,
Blata l-Bajda, ĦMR 9010
Malta

12th December, 2014

MINISTERU GĦALL-IŻVILUPP SOSTENIBBLI, L-AMBJENT U TIBDIL FIL-KLIMA

Irtirar ta' Rikonoxximent

Ngħarrfu lill-pubbliku ġenerali li mit-22 ta' Mejju, 2014, skont l-Artikolu 3(1) tal-Avviż Legali 237/2007, id-Direttur tal-Agrikoltura rtira r-rikonoxximent tal-Għaqda Produtturi tal-Fniek Lokali bħala Organizzazzjoni ta' Produtturi.

It-12 ta' Diċembru, 2014

MINISTRY FOR SUSTAINABLE DEVELOPMENT, THE ENVIRONMENT AND CLIMATE CHANGE

Withdrawal of Recognition

It is hereby notified for general information that with effect from 22nd May, 2014, in accordance to Article 3(1) of Legal Notice 237/2007, the Director of Agriculture has withdrawn the recognition of Għaqda Produtturi tal-Fniek Lokali as a Producer Organisation.

12th December, 2014

UNIVERSITÀ TA' MALTA

Skont artikolu 20 (Proċeduri dwar akkwisti pubbliċi għal awtoritajiet kontraenti) (20) tal-AL 296/2010 (Regolamenti tal-2010 dwar il-Kuntratti Pubbliċi), l-offerti li ġejjin ingħataw offerti mill-Università ta' Malta u *procurement* magħmul permezz tal-proċedura ta' *direct orders* minn Jannar-Ġunju 2014.

It-12 ta' Diċembru, 2014

UNIVERSITY OF MALTA

In accordance with article 20 (Procurement procedures for contracting authorities) (2) of LN 296/2010 (Public Procurement Regulations 2010), the following are Tenders awarded by the University of Malta and procurement effected through direct order procedure from January-June 2014.

12th December, 2014

Offerta *Tender*	Suġġett *Subject*	Mogħti lil *Awarded to*	Prezz VAT eskluż f'€ *Price Excluding VAT in €*	Varjazzjoni iktar min 5% *Variations over 5%*	Prezz totali f' € *Total Price in €*
UM 1773	Call for proposals from established book distributors for the warehousing, marketing, promotion and distribution of publications issued by the Malta University Press, University of Malta	SIERRA BOOK DISTRIBUTORS	at 45% Discount on Selling Prices	N/A	at 45% Discount on Selling Prices
UM 1774	Call for proposals from established publishing companies for the printing of scholarly publications by the Editorial Board within the University of Malta	MIDSEA BOOKS LTD.		N/A	
UM 1760	Tender for the supply, delivery, installation and commissioning of an autoclave for the Department of Food Studies & Environmental Health - Faculty of Health Sciences - at the University of Malta	REACTILAB LTD	101,68.00	N/A	101,68.00
UM 1766	Tender for the supply, delivery, installation and commissioning of two (2) in number, battery operated low-noise pre-amplifers for the Department of Nanoelectronics and Microelectronics at the University of Malta	TEST & MEASUREMENT INST. LTD	7,068.00	N/A	7,068.00
UM 1767	Tender for the supply, delivery, installation and commissioning of a signal analyser for the Department of Nanoelectronics and Microelectronics at the University of Malta	TEST & MEASUREMENT INST. LTD	144,90.00	N/A	144,90.00
UM 1768	Tender for the supply, delivery, installation and commissioning of a vibrating sample magnetometer for the Department of Nanoelectronics and Microelectronics at the University of Malta	TEST & MEASUREMENT INST. LTD	108,000.00	N/A	108,000.00

Offerta *Tender*	Suġġett *Subject*	Mogħti lil *Awarded to*	Prezz VAT eskluż f'€ *Price Excluding VAT in €*	Varjazzjoni iktar min 5% *Variations over 5%*	Prezz totali f' € *Total Price in €*
UM 1769	Tender for the supply, delivery, installation and commissioning of workshop machinery for the Department of Electronic Systems Engineering at the University of Malta	SHAPIRO ENTERPRISES LTD	8,267.00	N/A	8,267.00
UM 1770	Tender for the manufacture, delivery and installation of various items of furniture, produced with environmentally friendly materials and processes, to furnish and equip, the Laboratories of the Department of Electronic Systems Engineering, at the University of Malta	BEZZINA BROS LTD	20,776.00	N/A	20,776.00
UM 1763	Tender for the supply and delivery of various items of equipment for the Electronic Workshop at the Department of Physics at the University of Malta	TEKTRACO LTD	17,472.00	N/A	17,472.00
UM 1777	Tender for suspended ceiling, gypsum bulkheads, vinyl flooring and aluminium works, utilising environmentally friendly materials as applicable, at the Laboratories at the Department of Electronic Systems Engineering, at the University of Malta	PROJECT TECHNIK LIMITED	35,317.36	N/A	35,317.36
UM 1765	Tender for the supply and delivery of electromagnetic and thermal field simulation and analysis software systems for the Department of Physics at the University of Malta	TEST & MEASUREMENT INSTRUMENTATION LTD	29,750.00 11,500.00 4,852.00	N/A	29,750.00 11,500.00 4,852.00
UM 1784	Tender for the supply, delivery, installation and commissioning of an eye tracker for the Department of Systems and Control Engineering at the University of Malta	LABO-PHARM LIMITED – OPTION B	38,560.00	N/A	38,560.00
UM 1788	Tender for the supply and delivery of various 'energy efficient' Information Technology (IT) equipment for the Department of Physics at the University of Malta	MERLIN COMPUTERS LIMITED	9,218.21	N/A	9,218.21

Sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 19 ta' Diċembru, 2014, fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali In-Naxxar jintlaqgħu offerti magħluqin għal:

Avviż Nru. T 12/2014. Servizz ta' perit.

Għandu jitħallas dritt ta' €50 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

A fee of €150 is to be charged for each copy of tender document.

Services of a legal consultant.

A fee of €30 is to be charged for each copy of tender document.

Further details may be obtained from Msida Local Council on telephone 2133 4343 or by email on (msida.lc@gov.mt).

The Msida Local Council reserves the right to refuse any quotation, even the most advantageous.

12th December, 2014

ĦAD-DINGLI LOCAL COUNCIL

The Ħad-Dingli Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received in Ħad-Dingli Local Council office up to noon of Wednesday, 28th January, 2015, for:

Advt. No. DLC 09/2014. Maintenance, civil works and road works.

The relevant documents may be obtained from the Council's Administrative offices against a payment of €100 for every copy of tender document. No other documents or tenders will be accepted after the stipulated time.

Further information can be obtained from the Local Council's Office, Ċentru tal-Komunità, Daħlet is-Sienja, Ħad-Dingli (Telephone Number: 2145 6060) between 8.00 a.m. and 1.00 p.m.

The Council reserves the right to refuse all offers, even the most advantageous.

12th December, 2014

NAXXAR LOCAL COUNCIL

The Naxxar Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received in Naxxar Local Council office up to noon of Friday, 19th December, 2014, for:

Advt. No. T 12/2014. Service of an architect.

A fee of €50 is to be charged for each copy of tender document.

Dan l-avviż kien oriġinarjament ippubblikat fil-5 ta' Novembru, 2014.

L-offerti jinfetħu fil-pubbliku minnufih wara d-data u l-ħin tal-għeluq.

Il-Kunsill iżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġuża.

It-12 ta' Diċembru, 2014

The advertisement was originally published on 5th November, 2014.

Offers will be opened in public after the closing time stipulated on the same day.

The Council reserves the right to refuse all offers, even the most advantageous.

12th December, 2014

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1954

B'digriet mogħti fit-2 ta' Diċembru, 2014, mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat, fl-ismijiet Stafrace Leo et vs Sammut Charles, rikors numru 737/14 LSO, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat a tenur tal-Artikolu 187 (3) et. seq. tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet, Leo u Rose Marie, konjugi Stafrace (KI 404545M) u (KI 405049M) vs Charles Sammut (KI 491167M), fit-22 ta' Awwissu, 2014, ir-rikorrenti Leo u Rose Marie, konjugi Stafrace, talbu lil din l-Onorabbli Qorti:

Tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ a tenur tal-Artikolu 167 sa 170 tal-Kap. 12, tordna lill-intimat sabiex fi żmien qasir u perentorju li din il-Qorti jogħġobha tiffissa, jiżgombra mill-fond 15, Triq il-Merkanti, Floriana, u tilqa' t-talbiet l-oħra fir-rikors fosthom il-ħlas ta' arretrati ta' kera likwidati.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax, l-intimat inġunt in subizzjoni.

Notifika: Charles Sammut, 'Bellaggio', Flat 6, Blokk B, Triq San Ġużepp, Pietà.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet, Stafrace Leo et vs Sammut Charles, rikors numru 737/14 LSO, jinsab differit għas-smigħ għad-29 ta' Jannar, 2015, fid-9.30 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 9 ta' Diċembru, 2014.

AVV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given on the 2nd December, 2014, by the First Hall Civil Court, in the records of the Sworn Application, in the names Stafrace Leo et vs Sammut Charles, application number 737/14 LSO, the following publication was ordered for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187 (3) et. seq. of Cap. 12.

By means of a Sworn Application filed in the First Hall Civil Court, in the names, Leo and Rose Marie, spouses Stafrace (ID 404545M) and (ID 405049M) vs Charles Sammut (ID 491167M), on the 22nd August, 2014, the applicants Leo and Rose Marie, spouses Stafrace, asked this Honourable Court:

To decide this cause without proceeding to a hearing in terms of Article 167 to 170 of Cap. 12, order the respondent so that within a short and peremptory period that this Court may fix, he vacates the premises 15, Triq il-Merkanti, Floriana, and uphold the other demands in the application amongst which the payment of the arrears of rent liquidated.

With costs and with interest, the respondent summoned so that a reference to his evidence be made.

Notify: Charles Sammut, 'Bellaggio', Flat 6, Blokk B, Triq San Ġużepp, Pietà.

The Sworn Application in the names, Stafrace Leo et vs Sammut Charles, application number 737/14 LSO, has been deferred for hearing to the 29th January, 2015, at 9.30 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 9th December, 2014.

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

1955

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qorti

B'digriet mogħti mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, fit-2 ta' Diċembru, 2014, fuq talba ta' Carmelo Bonnici et, ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lis-soċjetà bankarja Barclays Bank Wealth Management Jersey Limited, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 777/13 JZM, Onor. Joseph Zammit Mckeon, fl-ismijiet Carmelo Bonnici et vs Kuraturi Deputati, u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Carmelo Bonnici (KI 632645M) u martu Julie Bonnici (KI 375747M) versus Bank of Valletta plc (C 2833), u b'digriet tat-30 ta' Settembru, 2014, ġiet kjamata in kawża s-soċjetà estera Barclays Bank Wealth Management Jersey Limited, fit-12 ta' Awwissu, 2013, ir-rikorrenti talbu lil din l-Onorabbli Qorti:

Tiddikjara li l-Bank intimat huwa responsabbli ta' ksur tal-obbligi legali u/jew kuntrattwali tiegħu fil-konfront tar-rikorrenti atturi meta fl-eżekuzzjoni tat-talba mressqa minnu għall-fidi ta' 629,920.2450 ishma fil-fond ta' investiment magħruf bħala BIFCIL Sterling Bond Fund, ishma miżmuma mill-Bank intimat fuq bażi fiduċjarja għan-nom tar-rikorrenti naqas li jieħu l-miżuri kollha għad-dispożizzjoni tiegħu sabiex jaċċerta li tali fidi, u konsegwenti ħlas isiru mingħajr dewmien bla bżonn, u b'rispett għall-ħtiġiet tar-rikorrenti, u tilqa' t-talbiet l-oħra fir-rikors.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet kontra l-Bank intimat inġunt in subizzjoni.

Rikorrenti: 'Tegole', Triq is-Sirk, Swieqi.

Intimat: Bank of Valletta plc, Pjazza tal-Palazz, Il-Belt Valletta.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Carmelo Bonnici et vs Kuraturi Deputati, rikors numru 777/13 JZM, jinsab differit għas-smigħ għat-22 ta' Jannar, 2015, fid-9.00 a.m.

Bann for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree by the First Hall Civil Court, on the 2nd December, 2014, following a request of Carmelo Bonnici et, it was ordered that deputy curators be chosen to represent the banking company Barclays Bank Wealth Management Jersey Limited, in the records of the Sworn Application number 777/13 JZM, Hon. Joseph Zammit Mckeon, in the names Carmelo Bonnici et vs Deputy Curators, and in the relative and subsequent acts.

By means of a Sworn Application filed in the First Hall Civil Court, in the names Carmelo Bonnici (ID 632645M) and his wife Julie Bonnici (ID 375747M) versus Bank of Valletta plc (C 2833), and by a decree of the 30th September, 2014, the foreign company Barclays Bank Wealth Management Jersey Limited, on the 12th August, 2013, the applicants asked this Honourable Court:

To declare that the respondent Bank is responsible for the violation of its legal or contractual obligations towards the applicant plaintiffs when in the execution of the claim brought forward by him for the redemption of 629,920.2450 shares in investment fund known as BIFCIL Sterling Bond Fund, shares held by the respondent Bank on a fiduciary basis on behalf of the applicant he failed to take all the measures at his disposition to ascertain that such redemption, and consequent payment be made without unnecessary delay and with respect to the needs of the applicant, and uphold the other demands in the application.

With costs and interest against the respondent Bank summoned so that a reference to its evidence be made.

Applicant: 'Tegole', Triq is-Sirk, Swieqi.

Respondent: Bank of Valletta plc, Pjazza tal-Palazz, Valletta.

The Sworn Application in the names Carmelo Bonnici et vs Deputy Curators, application number 777/13 JZM, has been deferred for hearing to the 22nd January, 2015, at 9.00 a.m.

Int ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri, u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru, u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel Kuraturi tal-Uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dana, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Anthony Ellul, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 2 ta' Diċembru, 2014.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 9 ta' Diċembru, 2014.

AVV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

You are therefore ordered to affix an official copy of this bann at the entrance of this Superior Court, and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days, and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of Curators of Office.

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of this bann, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall above mentioned with the witness of the Hon. Mr Justice Anthony Ellul, LLD, Doctor of Laws.

Today 2nd December, 2014.

Registry of the Superior Courts, today 9th December, 2014.

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

1956

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qorti

B'digriet mogħti minn din il-Qorti, fid-19 ta' Novembru, 2014, fuq talba tal-Avukat Dr Michael Zammit Maempel et, ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw l-interessi ta' Mohammed Abdullah Mohammed, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 801/14 SM, fl-ismijiet Dr Zammit Maempel Michael noe vs Kuraturi Deputati, u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet l-Avukat Dr Michael Zammit Maempel (KI 51677M), bħala mandatarju speċjali tal-assenti minn Malta, Immaculada San Josè Vega (numru tal-KI Spanjola 12 777 262A) vs Mohammed Abdullah Mohammed (KI 36811A), fil-15 ta' Settembru, 2014, ir-rikorrenti Avukat

Bann for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree by this Court, on the 19th November, 2014, following a request of Advocate Dr Michael Zammit Maempel et, it was ordered that deputy curators be chosen to represent the interests of Mohammed Abdullah Mohammed, in the records of the Sworn Application number 801/14 SM, in the names Dr Zammit Maempel Michael noe vs Deputy Curators, and in the relative and subsequent acts.

By means of a Sworn Application filed in the First Hall Civil Court, in the names Advocate Dr Michael Zammit Maempel (ID 51677M), as special mandatory, Immaculada San Josè Vega (Spanish ID number 12 777 262A) who is absent from Malta, vs Mohammed Abdullah Mohammed (ID 36811A), on the 15th September, 2014, the applicant

Dr Michael Zammit Maempel (KI 51677M) nomine talab lil din l-Onorabbli Qorti:

Tiddikjara illi għall-inċident illi seħħ fis-27 ta' Novembru, 2011, fi Triq ix-Xatt, il-Gżira, u li fih weġgħet Immaculada San Josè Vega, wara illi ġiet investita mill-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni AAI 512 jaħti unikament l-intimat, u tilqa' t-talbiet l-oħra fir-rikors, fosthom il-likwidazzjoni tad-danni.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet skont il-liġi sal-ġurnata tal-pagament effettiv kontra l-intimat inġunt in subizzjoni.

Rikorrent: GVTH Advocates, 192, Triq l-Ifran, Il-Belt Valletta.

Intimat: Faċilità Korrettiva ta' Kordin, Paola.

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri, u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru, u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel Kuraturi tal-Uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dana, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Jacqueline Padovani Grima, LLD, LLM (IMLI), Duttur tal-Liġi.

Illum 19 ta' Novembru, 2014.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 9 ta' Diċembru, 2014.

AVV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

Advocate Dr Michael Zammit Maempel (ID 51677M) nomine asked this Honourable Court:

To declare that for the incident which occurred on the 27th November, 2011, in Triq ix-Xatt, Gżira, and in which Immaculada San Josè Vega was injured after she was run over by vehicle with registration number AAI 512, the respondent is solely to blame, and uphold the other demands in the application, amongst which the liquidation of damages.

With costs and legal interest according to law till the day of effective payment against the respondent summoned so that a reference to his evidence be made.

Applicant: GVTH Advocates, 192, Triq l-Ifran, Valletta.

Respondent: Faċilità Korrettiva ta' Kordin, Paola.

You are therefore ordered to affix an official copy of this bann at the entrance of this Superior Court, and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days, and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of Curators of Office.

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of this bann, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall above mentioned with the witness of the Hon. Madam Justice Jacqueline Padovani Grima, LLD, LLM (IMLI), Doctor of Laws.

Today 19th November, 2014.

Registry of the Superior Courts, today 9th December, 2014.

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

1957

AVVIŻ
MIR-REĠISTRU
QORTI ĊIVILI (SEZZJONI FAMILJA)

Billi r-rikorrenti Aicha Daoui (Passaport Marokkin Nru. AU 1802146), ippreżentat rikors ġuramentat (Nru. 266/14 AL), fejn talbet il-Korrezzjoni tal-Att tat-Twelid tal-

NOTICE
REGISTRY OF THE
CIVIL COURT (FAMILY SECTION)

Whereas the plaintiff Aicha Daoui (Moroccan Passport No. AU 1802146), filed an application under oath (No. 266/14 AL), demanding Correction in the Act of Birth of

minuri Adem Formosa bin-numru 2962/2010 fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi fiż-żmien fuq imsemmi jkunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi bil-ġurnata li tingħata għas-smigħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti.
Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum 9 ta' Diċembru, 2014.

RITA MANGION
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

the minor Adem Formosa number 2962/2010 in the Public Registry.

Whosoever may have an interest therein and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so by means of a note to be filed in the Registry of these Courts within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who within the aforesaid time shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said application under oath of the day which will be appointed for the hearing of the case.

By order of the Court.
Registry of the Superior Court, this 9th December, 2014.

RITA MANGION
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

1958

B'digriet mogħti fl-4 ta' Diċembru, 2014, mill-Qorti Ċivili Prim' Awla, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat, fl-ismijiet Calamatta Carlos et vs Galea Souchet et, rikors numru 1019/14 LM, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenut Jean Galea Souchet a tenur tal-Artikolu 187 (3) et. seq. tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Carlos Calamatta (KI 516573M) u Peter u Simone, konjugi Calamatta (KI 171341M u KI 500746M rispettivament) vs Jean Galea Souchet u martu Daniela Galea Souchet, fit-13 ta' Novembru, 2014, ir-rikorrenti Carlos Calamatta residenti 2061, Portomaso, San Ġiljan, u Peter u Simone, konjugi Calamatta, residenti 2191, Portomaso, San Ġiljan, talbu l-intimati għaliex din l-Onorabbli Qorti ma għandhiex prevja kull dikjarazzjoni jew provvediment ieħor meħtieġ:

Tiddikjara illi l-intimati huma debituri tar-rikorrenti fis-somma komplessiva ta' mija u ħamest elef Ewro (€105,000) jew ammont verjuri mislufa lilhom mir-rikorrenti fuq talba tagħhom, u dovuta in kwantu għas-somma ta' ħamsa u ħamsin elf Ewro (€55,000) lir-rikorrenti Carlos Calamatta, u ħamsin elf Ewro (€50,000) lir-rikorrenti Peter u Simone,

By means of a decree given on the 4th December, 2014, by the Civil Court First Hall, in the records of the Sworn Application, in the names Calamatta Carlos et vs Galea Souchet et, application number 1019/14 LM, the following publication was ordered for the purpose of service of the defendant Jean Galea Souchet in terms of Article 187 (3) et. seq. of Cap. 12.

By means of a Sworn Application filed in the First Hall Civil Court, in the names Carlos Calamatta (ID 516573M) and Peter and Simone, spouses Calamatta (ID 171341M and ID 500746M respectively) vs Jean Galea Souchet and his wife Daniela Galea Souchet, on the 13th November, 2014, the applicant Carlos Calamatta residing 2061, Portomaso, San Ġiljan, and Peter and Simone, spouses Calamatta, residing 2191, Portomaso, San Ġiljan, asked the respondents why this Honourable Court should not saving any necessary declaration and other opportune provision:

Declare that the respondents are debtors of the applicants in the global sum of one hundred and five thousand Euro (€105,000) or more correct sum lent to them by the applicants following their request, and due as for the sum of fifty-five thousand Euro (€55,000) to the applicant Carlos Calamatta and fifty thousand Euro (€50,000) to the applicants Peter and

konjugi Calamatta, u tilqa' t-talbiet l-oħra fir-rikors.

Bl-ispejjeż kif mitluba u bl-imgħaxijiet legali kontra l-intimati inġunti għas-subizzjoni.

Intimat: 2751, Portomaso, San Ġiljan.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Calamatta Carlos et vs Galea Souchet et, rikors numru 1019/14 LM, ġie appuntat għas-smigħ għat-Tnejn, 15 ta' Diċembru, 2014, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 10 ta' Diċembru, 2014.

AVV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

Simone, spouses Calamatta, and uphold the other demands in the application.

With costs as demanded and legal interests against the respondents summoned so that a reference to their evidence be made.

Respondent: 2751, Portomaso, San Ġiljan.

The Sworn Application in the names Calamatta Carlos et vs Galea Souchet et, application number 1019/14 LM, was appointed for hearing on Monday 15th December, 2014, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 10th December, 2014.

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

1959

B'digriet mogħti fis-26 ta' Novembru, 2014, mill-Bord li Jirregola l-Kera, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat, fl-ismijiet S.O.C. Co. Ltd vs Aaron Haroun pro et noe, rikors numru 59/14 GG, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat a tenur tal-Artikolu 187 (3) et. seq. tal-Kap. 12.

Permezz ta' Avviż tas-Smigħ maħruġ mir-Reġistru tal-Qrati Superjuri, l-Erbgħa, 22 ta' Ottubru, 2014, ir-Rikors numru 59/14 GG, fl-ismijiet S.O.C. & K Co Ltd vs Haroun Aaron pro et noe, ġie appuntat għas-smigħ għall-Ħamis, 13 ta' Novembru, 2014, fil-11.30 a.m. u differit għat-12 ta' Jannar, 2015, fid-9.00 a.m.

Notifika: Aaron Haoun u Mdina Group Limited, 143, Dar il-Ward, Triq il-Ħemel, Swieqi.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 10 ta' Diċembru, 2014.

AVV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given on the 26th November, 2014, by the Rent Regulation Board, in the records of the Sworn Application, in the names S.O.C. Co. Ltd vs Aaron Haroun pro et noe, application number 59/14 GG, the following publication was ordered for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187 (3) et. seq. of Cap. 12.

By means of a Notice of Hearing issued by the Registry Superior Courts, on Wednesday, 22nd October, 2014, the Application number 59/14 GG, in the names S.O.C. & K Co Ltd vs Haroun Aaron pro et noe, was appointed for hearing on Thursday, 13th November, 2014, at 11.30 a.m. and deferred to the 12th January, 2015, at 9.00 a.m.

Service: Aaron Haroun and Mdina Group Limited, 143, Dar il-Ward, Triq il-Ħemel, Swieqi.

Registry of the Superior Courts, today 10th December, 2014.

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

1960

B'digriet fis-27 ta' Novembru, 2014, mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), dina l-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 187 (3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

Illi b'rikors ippreżentat minn George & Rocco Car Centre Limited, fis-26 ta' Mejju, 2014, qed jintalab l-iżbank fl-ammont ta' €6,248.00 li ġew depożitati b'ċedola numru 1501/13 fl-ismijiet:

George & Rocco Car Centre Limited vs Hamdi Fatih Alla El-Abbasi (KI 23590A) u Mary Grace El-Abbasi (KI 44369M).

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 9 ta' Diċembru, 2014.

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the 27th November, 2014, given by the Court of the Magistrates (Malta), the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187 (3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

That by the application filed by George & Rocco Car Centre Limited, on the 26th May, 2014, is asking for the withdrawal of the amount of €6,248.00 deposited by the Schedule of Deposit number 1501/13 in the names of:

George & Rocco Car Centre Limited vs Hamdi Fatih Alla El-Abbasi (ID 23590A) and Mary Grace El-Abbasi (ID 44369M).

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today the 9th December, 2014.

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar of Courts and Civil Tribunals

1961

B'digriet mogħti fis-7 ta' Novembru, 2014, mill-Qorti Ċivili Prim' Awla, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat, fl-ismijiet Zahra Thomas et vs Cassar Joseph et, rikors numru 861/14 AE, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati a tenur tal-Artikolu 187 (3) et. seq. tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Thomas Zahra (KI 568654M) u martu Joan Zahra (KI 590381M) vs Joseph Cassar (KI 235162M) u martu Alessandra Cassar (KI 725462M), fit-2 ta' Ottubru, 2014, ir-rikorrenti Thomas Zahra (KI 568654M) u martu Joan Zahra (KI 590381M) talbu lil din l-Onorabbli Qorti:

Tiddikjara illi l-esponenti Thomas Zahra eżegwixxa xogħol ta' bini, u rrenda servizzi relatati u pprovda materja lill-konvenuti filwaqt illi l-konvenuti għamlu diversi pagamenti

By means of a decree given on the 7th November, 2014, by the Civil Court First Hall, in the records of Sworn Application, in the names Zahra Thomas et vs Cassar Joseph et, application number 861/14 AE, the following publication was ordered for the purpose of service of the respondents in terms of Article 187 (3) et. seq. of Cap. 12.

By means of a Sworn Application filed in the First Hall Civil Court, in the names Thomas Zahra (ID 568654M) and his wife Joan Zahra (ID 590381M) vs Joseph Cassar (ID 235162M) and his wife Alessandra Cassar (ID 725462M), on the 2nd October, 2014, the applicant Thomas Zahra (ID 568654M) and his wife Joan Zahra (ID 590381M) asked this Honourable Court:

To declare that the applicant Thomas Zahra carried out building works, and rendered related services and provided material to the defendants whilst the defendants made

fil-kors tax-xogħlijiet, u tillikwida kwantu spettanti lill-atturi għax-xogħlijiet li ma ġewx imħallsa, jew alternattivament tillikwida l-valur totali tax-xogħlijiet esegwiti mill-attur, u tilqa' t-talbiet l-oħra fir-rikors.

Bl-imgħax u bl-ispejjeż legali kontra l-konvenuti inġunti għas-subizzjoni, u b'riżerva ta' kull azzjoni legali ulterjuri neċessarja u opportuna.

Qorti Ċivili Prim'Awla

Imħallef Anthony Ellul

Rikors numru 861/14 AE

Thomas Zahra et vs Joseph Cassar et

Is-7 ta' Novembru, 2014

Il-Qorti

Rat ir-rikors tal-atturi

Rat ir-riferti negattivi

F'dan l-istadju tawtorizza n-notifika wara l-ħinijiet legali. Jekk wara tentattiv ir-riferta tkun negattiva, in-notifika tista' ssir bl-affissjoni u pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u żewġ gazzetti lokali ta' kuljum (waħda bl-Ingliż u l-oħra bil-Malti) diment li l-atturi jikkonfermaw bil-ġurament li l-indirizz li taw lill-konvenuti hu dak fejn għandha ssir in-notifika skont il-liġi.

Tfakkar ukoll lill-atturi li mill-atti jirriżulta li sal-lum għadhom ma ppreżentawx it-tagħrif mitlub fid-digriet tat-3 ta' Ottubru, 2014.

Iff. A. Ellul

B'Avviż għas-smigħ ta' kawża maħruġ mir-Reġistru tal-Qrati Superjuri, il-Ġimgħa, 3 ta' Ottubru, 2014, ir-rikors fl-

various payments in the course of works, and liquidate the dues to the plaintiffs for the works which were not paid, or alternatively liquidate the global value of the works carried out by the plaintiff, and uphold the other demands in the application.

With interest and legal interest against the defendants summoned so that a reference to their evidence be made, and saving any further necessary and opportune legal action.

Civil Court First Hall

Judge Anthony Ellul

Application number 861/14 AE

Thomas Zahra et vs Joseph Cassar et

7th November, 2014

The Court

Having seen the plaintiff's applications

Having seen the negative referrals

At this stage authorises that service be affected after the legal time limit. If after an attempt the referral shall be negative, service can be effected by posting and publication in the Government Gazzette and two daily local newspapers (one in English the other in Maltese) as long as the plaintiffs confirm under oath that the address they gave to the defendants is that where service according to law is to be affected.

It also reminds the plaintiffs that from the records it results that till this day they have not provided the information requested in the decree of the 3rd October, 2014.

Sgd. A. Ellul

By means of a Notice of hearing of a cause issued by the Registry Superior Courts, on Friday, 3rd October, 2014, the

ismijiet Zahra Thomas et vs Cassar Joseph et, rikors numru 861/14 AE, ġie appuntat għas-smigħ għall-Ġimgħa, 5 ta' Diċembru, 2014, fid-8.45 a.m. u differit għas-6 ta' Frar, 2015, fit-8.30 a.m.

Konvenut: Santa Marija, Triq l-Għarajjex, Żurrieq.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 10 ta' Diċembru, 2014.

AVV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

application in the names Zahra Thomas et vs Cassar Joseph et, application number 861/14 AE, was appointed for hearing on Friday, 5th December, 2014, at 8.45 a.m. and deferred to the 6th February, 2015, at 8.30 a.m.

Defendant: Santa Marija, Triq l-Għarajjex, Żurrieq.

Registry of the Superior Courts, today 10th December, 2014.

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

1962

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet seduta stante mogħti fl-20 ta' Novembru, 2014, mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar (Għawdex), ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-avviż li jidher hawn taħt sabiex iservi ta' notifika għall-fini tal-artikolu 187 (3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront tal-kumpanija konvenuta Malta Projects Development Limited (C 49265), ta' Triq Belt il-Ħażna, Marsa, Malta.

Il-kumpanija attriċi Borg Aluminium Limited (C 16871), ippreżentat Avviż tat-Talba fit-Tribunal għal Talbiet Żgħar (Għawdex), Talba numru 22/2014 (VG) fl-ismijiet, Borg Aluminium Limited (C 16871) vs Cassar Ivan u Malta Projects Development Limited (C 49265), fit-18 ta' Ġunju, 2014, fejn talbu lit-Tribunal jikkundanna lill-konvenuti jħallsuha s-somma ta' €385, liema ammont huwa dovut bi ħlas għal xogħol ta' aluminium. Bl-ispejjeż u l-imgħax.

Il-każ huwa differit għat-13 ta' Frar, 2015, fis-1.00 p.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), illum 11 ta' Diċembru, 2014.

SILVANA GRECH
Għar-Reġistratur

It is hereby notified that by virtue of a decree delivered during the sitting of the 20th November, 2014, the Small Claims Tribunal (Gozo) ordered the publication of the following notice for the purposes of service in terms of article 187 (3) of Cap. 12 of the Laws of Malta in respect of defendant company Malta Projects Development Limited (C 49265), of Triq Belt il-Ħażna, Marsa, Malta.

The plantiff company Borg Aluminium Limited (C 16871), filed a Claim in the Small Claims Tribunal (Gozo), Case number 22/2014 (VG) in the names of Borg Aluminium Limited (C 16871) vs Cassar Ivan and Malta Projects Development Limited (C 49265), on the 18th June, 2014, wherein they requested the Tribunal to condemn the defendants to pay them the amount of €385 for payment of aluminium works. With costs and interest.

The case is differed to the 13th February, 2015, at 1.00 p.m.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), this 11th December, 2014.

SILVANA GRECH
For the Registrar

1963

B'digriet tad-9 ta' Diċembru, 2014, mogħti mill-Qorti Ċivili Prim' Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-

By a decree of the 9th December, 2014, given by the First Hall Civil Court, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service

Artikolu 338 (1) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

Illi b'Rikors u Ċedola ta' Kompensazzjoni kontestwalment ippreżentati minn Bank of Valletta plc, fil-5 ta' Diċembru, 2014, qed tintalab tpaċija tal-ammont ta' €12,000.00 prezz minnhom offert fil-Bejgħ bl-Irkant 34/14 fl-ismijiet Bank of Valletta plc (C 2833) vs Vincent Spiteri et, miżmum taħt l-Awtorità ta' din il-Qorti fl-4 ta' Diċembru, 2014.

Skont Artikolu 338 (2) tal-Kap. 12: Kull min jista' jkollu interess u l-persuni hekk notifikati għandhom żmien għoxrin ġurnata biex jippreżentaw tweġiba li fiha jiddikjaraw bid-dettall ir-raġunijiet għall-oppożizzjoni tagħhom u s-somom kontestati, u meta dik l-oppożizzjoni tkun imsejħa fuq talba li tolqot ir-rikavat tal-bejgħ u allegata kawża ta' preferenza, huma għandhom jiddikjaraw l-ammont ta' dik it-talba u l-bażi għal dik il-preferenza. Dawn il-persuni għandhom flimkien mar-risposta jippreżentaw kull prova relevanti sabiex jissostanzjaw l-oppożizzjoni tagħhom.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum l-10 ta' Diċembru, 2014.

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

according to Article 338 (1) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

That by application and a Schedule of set-off filed contemporaneously by Bank of Valletta plc, on the 5th December, 2014, the approval of the said judicial acts is being demanded for the amount of following €12,000.00 judicial Sale by Auction 34/14 in the names Bank of Valletta plc (C 2833) vs Vincent Spiteri et, held under the Authority of the said Court on the 4th December, 2014.

According to Article 338 (2) of Cap. 12: Any person who may have an interest and the persons so served shall be allowed the time of twenty days to file an answer stating in detail the reasons for their opposition and the amounts in contestation, and where such opposition is based on a claim against the proceeds of sale and alleged cause of preference, they are to state the amount of such claim and the basis for the preference. Such persons shall with the answer file all relevant evidence to substantiate their opposition.

Registry of the Superior Court, today the 10th December, 2014.

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

1964

B'digriet tad-9 ta' Diċembru, 2014, mogħti mill-Qorti Ċivili Prim' Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 338 (1) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

Illi b'Rikors u Ċedola ta' Kompensazzjoni kontestwalment ippreżentati minn Leonardo Polidano et fil-5 ta' Diċembru, 2014, qed tintalab tpaċija tal-ammont ta' €70,000 prezz minnhom offert fil-Bejgħ bl-Irkant 112/12 fl-ismijiet Leonardo Polidano et vs Salvatore Cutajar, miżmum taħt l-Awtorità ta' din il-Qorti fl-4 ta' Diċembru, 2014.

Skont Artikolu 338 (2) tal-Kap. 12: Kull min jista' jkollu interess u l-persuni hekk notifikati għandhom żmien għoxrin

By a decree of the 9th December, 2014, given by the First Hall Civil Court, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 338 (1) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

That by application and a Schedule of set-off filed contemporaneously by Leonardo Polidano et on the 5th December, 2014, the approval of the said judicial acts is being demanded for the amount of following €70,000 judicial Sale by Auction 112/12 in the names Leonardo Polidano et vs Salvatore Cutajar, held under the Authority of the said Court on the 4th December, 2014.

According to Article 338 (2) of Cap. 12: Any person who may have an interest and the persons so served shall

ġurnata biex jippreżentaw tweġiba li fiha jiddikjaraw bid-dettall ir-raġunijiet għall-oppożizzjoni tagħhom u s-somom kontestati, u meta dik l-oppożizzjoni tkun imsejħa fuq talba li tolqot ir-rikavat tal-bejgħ u allegata kawża ta' preferenza, huma għandhom jiddikjaraw l-ammont ta' dik it-talba u l-bażi għal dik il-preferenza. Dawn il-persuni għandhom flimkien mar-risposta jippreżentaw kull prova relevanti sabiex jissostanzjaw l-oppożizzjoni tagħhom.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum l-10 ta' Diċembru, 2014.

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

be allowed the time of twenty days to file an answer stating in detail the reasons for their opposition and the amounts in contestation, and where such opposition is based on a claim against the proceeds of sale and alleged cause of preference, they are to state the amount of such claim and the basis for the preference. Such persons shall with the answer file all relevant evidence to substantiate their opposition.

Registry of the Superior Court, today the 10th December, 2014.

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

1965

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili Prim' Awla, fl-1 ta' Diċembru, 2014, fuq rikors ta' Regina Auto Dealer Limited, ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 27 ta' Jannar, 2015, f'nofsinhar, għall-Bejgħ bl-Irkant li għandu jsir fl-ewwel sular, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fondi hawn taħt deskritti:

Il-fond residenzjali u l-garaxx bl-isem ta' 'Icona', fi Triq il-Qattus, Birkirkara, soġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu mhux riveddibli ta' disa' Ewro u tnejn u tletin ċenteżmu (€9.32), stmat li jiswa mija u ħamsin elf Ewro (€150,000).

Il-garaxx bl-isem ta' 'Gordon Motor Repair', fi Triq in-Nassab, Ħal Qormi, stmat li jiswa disgħin elf Ewro (€90,000).

L-imsemmija fondi huma proprjetà ta' Gordon Camilleri.

N.B. L-imsemmija fondi jinbiegħu bħalma ġew deskritti fl-atti tas-subbasta 49/14.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ħamis, 11 ta' Diċembru, 2014.

RUDOLPH MARMARÀ
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree given by the Civil Court First Hall, on the 1st December, 2014, on the application of Regina Auto Dealer Limited, Tuesday, 27th January, 2015, at noon, for the Sale by Auction to be held on the first floor, Courts of Justice, Republic Street, Valletta, of the following properties:

The residential property and garage named 'Icona', in Triq il-Qattus, Birkirkara, subject to a non revisible annual and perpetual groundrent of nine Euro and thirty-two cents (€9.32), valued at one hundred and fifty thousand Euro (€150,000).

The garage named 'Gordon Motor Repair', in Triq in-Nassab, Ħal Qormi, valued at ninety thousand Euro (€90,000).

The said tenements are the property of Gordon Camilleri.

N.B. The said tenements will be sold as described in the judicial sales act 49/14.

Registry of the Superior Courts, this Thursday, 11th December, 2014.

RUDOLPH MARMARÀ
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata — *Printed at the Government Printing Press on recycled paper*